**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' April, 2023</u>**

**<u>Rikors nru: 132/2015 AGV</u>**

**CM**

**Vs**

**UM**

Il-Qorti,

**Rat ir-Rikors guramentat ta' C M datat 8 ta' Gunju 2015 li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnax (12) ta' Awwissu, tas-sena elfejn (2000) gewwa il-knisja tal-Karmnu, Fgura u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, S li twieldet fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) u A li twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010) u li ghalhekk ghandhom minorenni.

2. Illi l-hajja matrimonjali u l-konvivenza ulterjuri ta' bejn il-koppja m'ghadhiex iktar possibbli u dan minhabba adulterju, abbandun, eccessi, mohrija, servizzi, minacci u ingurji ohra gravi da parti tal-konvenut; illi di piu' dan iz-zwieg illum tkisser irrimedjabilment.

3. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet u ragunijiet ohra iktar fid-dettal li ser jirrizultaw matul is-smiegh ta' din il-kawza, il-hajja konjugali bejn il-konjugi M m'ghadhiex iktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u dan tort u htija tal-istess konvenut.

4. Illi ghal dawn il-motivi, l-attrici thoss li hemm lok li tigi pronunzjata separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha.

5. Illi b'digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 2015 l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza.

6. Illi f'tali kawza ghandhom jigu ndirizzati l-pendenzi dwar l-ulied minuri u d-dar matrimonjali, kif ukoll tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

7. Illi dan ir-rikors qieghed isir u qieghed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attrici CM li ghandha konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw ghal din il-kawza.

**Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li ser jirrizulta fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza.

2. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-Artikolu tmienja u erbghin sa wiehed u hamsin (48 sa 51) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri S u A tigi moghtija lil attrici u fi kwalunkwe' kaz l-konvenut ikollu access xieraq ghal-minuri.

4. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li ghandha tkun pagabbli mill-konvenut ghall-attrici u ghall- minuri.

5. Taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidrilha xieraq fir-rigward u fl-interess tal-minuri.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-kontendenti, b'effett mid-data tas-separazzjoni de facto.

7. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tiddividiha skond il-Ligi, dejjem salv dak li ntalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi; bl-ispejjez inkluza VAT u inkluzi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fl-atti tal-medjazzjoni. Il-Konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

**Rat ir-Risposta guramentata ta' UM , li eccepixxa s-segwenti:-**

**1.** Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejnithom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-KONTRO-TALBA tal-konvenut rikonvenzjonant UM li ppremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnax (12) t' Awwissu tas-sena elfejn (2000).

2. Illi minn dan z-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, S ta' hmistax (15)- il sena u A ta' hames(5) snin.

3. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

1. Illi l-kontendenti gew debitamnent awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' Digriet moghti nhar is-7 t'April 2015.

**<u>Talba</u>**

**TGHID ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata il-ghaliex m'ghandiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna , u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li :-**

1. TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata jghix separatament minn mal-attrici.

2. TIDDIKJARA li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalisiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri hu jibqalu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas tal-manteniment ghalih.

3. TAKKORDA l-kura u l-kustodja tal-minuri fuq imsemmija lill-esponent, u fin-nuqqas, takkorda lill-esponent granet u hinijiet adegwati ta' access ghall-istess minuri.

4. TILLIKWIDA ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvenzjonant lill-konvenut zewgha rikonvenzjonant ghalih, u occorrendo ghat-tfal minuri, fil-waqt li TORDNA U TIKKUNDANNA lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u TORDNA illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha / jista' jkollha jew bi standing order u TIPPROVDI dwar il-modalitajiet ta' kif il-manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

5. TORDNA lill-attrici rikonvenzjonata illi a bazi tat-tielet talba, thallas lill-esponent nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

6. TAPPLIKA kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.

7. IXXOLJI U TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux neccessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u TASSENJA porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici *ope sententiam*, li ma jkunux neccessarjament f'porzjonijiet ugwali, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

8. TIKKUNDANNA lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u /jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fost ohrajn il-fond, 'Niagara Falls, » Triq Filippu Farrugia, Zurrieq', li huwa parafernali tar-ragel, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, TIKKUNDANNAHA thallas lill-konvenut dik is-somma li ghandha tigi likwidatta, okkorrendo bl-opera' ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/ jew parafernali sudetti jekk ikun il-kaz.

9. TORDNA lill-imsemmija attrici rikonvenzjonata sabiex b'effett mid-data tas-sentenza jew kull data ohra li jidrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti tohrog u tizgombra mill-fond appena msemmi, li m'ghandux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali.

**BL-ISPEJJEZ kontra l-attrici rikonvenzjonata , inkluz dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' CM ghall-KontroTalba pprezentata mill-konvenut li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa minn zewgha, liema huma inveritiera u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponenti tirriserva minn issa li tressaq xhieda in sostenn ta' dan.
2. Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponenti tissottomenti s-segwenti:-

1. Illi hija ma toggezzjonax ghall-ewwel talba tal-intimat zewgha u dan limitatament ghal-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilha stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huma inputabbli esklussivament lill-intimat u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. L-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni li zewgha jghix separatament minnha u dan kif del resto, diga' qed jaghmel.

2. Illi l-esponenti topponi ukoll ghat-tieni talba tal-intimat u dana stante illi m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li ghaliha hija ghandha titqies li ddekadied mid-dritt li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha u dana gialadarba z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament

minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat u kwindi huwa hu li ghandu jigi ddikjarat illi ddekada mill-istess.

3. Illi l-esponenti qed topponi ghat-tielet talba, li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-intimat b'mod esklussiv, kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejnithom u effettivament ftit li xejn jitkellmu, kif ben tghallimna din l-Onorabbli Qorti, fejn id-differenza tal-partijiet ikun irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tigi f'idejn parti wahda jew ohra. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghexu maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tal-ulied. L-esponenti m'ghandhiex diffikulta' illi l-missier ikollu access adegwat versu l-ulied u dan anke skont l-esigenza u l-impenji edukattivi

taghhom.

4. Illi l-esponenti topponi ghat-talba li thallas manteniment ghal zewgha u dana stante li huwa jiflah jahdem u iktar minn hekk, kien hu li ta lok ghal-kawza ta' separazzjoni u ghalhekk iddekada mill-istess.

5. Illi l-esponenti topponi bil-qawwa ghall-hames talba tal-intimat u dan stante li kif inghad ma tezisti ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn il-minuri m'ghandhomx jirrisjedu maghha, b'access versu l-intimat u ghalhekk l-esponenti m'ghandha l-ebda obbligu tivversa manteniment versu l-intimat ghall-bzonnijiet tal-ulied.

6. Illi l-esponenti qieghda topponi ghas-sitt talba tal-intimat stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront taghha l-artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta u se mai dawn ghadhom jigu applikati fil-konfront tal-intimat innifsu.

7. Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghas-seba' talba tal-intimat fuq ix-xoljiment u l- likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-

Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-intimat u mhux lill-esponenti u meta tasal tiddividi l-komunjoni tqis minn meta l-intimat kien hati tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess.

8. Illi fir-rigward tat-tmien talba l-esponenti tikkontendi illi hija m'ghandha l-ebda proprjeta' parafernali tal-intimat fil-pussess taghha. Inoltre' u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sta ghall-intimat biex jipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mil-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Illi l-esponenti topponi ukoll ghad-disa' talba tal-intimat, l-esponenti tikkontendi illi fid-dawl tat-tortijiet li ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza, hija ghandha tinghata d-dritt li tabita fid-dar matrimonjali ad esklussjoni tal-intimat zewgha, flimkien maz-zewg ulied u dana stante illi l-htija ghat-tkissir b'mod irrimedjabbli taz- zwieg tal-partijiet hija attribwibbli esklussivament lilu u dan kif ser jirrizulta ampjament u ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. F' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' tali talba, ir-rikorrenti ghandha tigi rifuza ghal nofs il-benefikati kollha li saru fiz-zwieg fl-istess fond, li sakemm il-partijiet izzewgu kienu ghadu fi stat ta' shell.

10. Illi finalment l-esponenti qed topponi ghal-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li ntlaqat it-talba sabiex il-proceduri ta' separazzjoni jigu konvertiti ghal dawk ta' divorzju.[1]

Rat li b'sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2018, dina l-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett minn meta s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghalhekk waqfet b'effett mit-22 ta' Ottubru, 2018.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

Il-partijiet kienu ltaqghu f'Awissu, 1994 u l-attrici kienet harget tqila bit-tifla S fl-1999. Minhabba f'hekk kienu ddecidew li jizzewwgu u fil-fatt iccelebraw iz-zwieg fit-12 ta' Awissu, 2000.

Peress li l-konvenut kien jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni kellu qliegh tajjeb u ghalhekk qatt ma kienet hadmet u hadet hsieb il-familja.

L-attrici tishaq li bhala koppja kienu jiftiehmu hafna u kienet tkun bil-ghaqal hafna biex jarmaw id-dar. Kienet tmidd idejha hafna f'dawk li huma preparamenti u l-armar tad-dar, Anke bil-flus li kien jaghtiha missierha meta kienet tiehu hsiebu, kienet tuzahom ghall-bzonnijiet tal-familja.

[1] Fol. 555

L-attrici tispjega ukoll li kienet tiehu hsieb il-familja tal-konvenut ukoll kull meta kellhom bzonn.

Fit-23 ta' Awissu, 2010, regghu kellhom tarbija ohra A u kien tul dan iz-zmien, li l-konvenut kien ghamel hsieb li jiftah kumpanija l-Libya u kien tiela' u niezel u kien investa l-flus gol-banek hemmhekk. Imbaghad kien iddecieda ukoll li jidhol shab ma'  GZ  biex jifthu ristorant gewwa MarsaXlokk u fil-fatt fl-4 ta' Lulju, 2011, kienu fethu La Nostra Padrona.

Tul dan il-perjodu, l-attrici tishaq li prattikament kienet dejjem wahedha ghaliex il-konvenut kien ikun dejjem il-hanut u biex tarah Kien ikollha tinzel bit-tfal u toqghod hemmhekk.

Kienet tghinu xi kultant bl-update tal-cash u ghalkemm offritlu li tghinu fir-ristorant qatt ma ried.

Issemmi ukoll li l-konvenut kien dahal f'negozju mal-accountant tieghu KM  biex xtraw flat il-Gzira u ghalkemm ma tafx ir-raguni, kellha tiffirma xi karti biex dan M u martu jissellfu xi flus mill-Bank biex jixtru d-dar privata taghhom f'Haz-Zebbug.

L-attrici tispjega li wara li hadu r-ristorant bdiet tinduna li l-konvenut kien ikun kwiet u hosbien hafna u meta kienet isaqsih x'kellu kien dejjem isibilha xi skuza bix-xoghol. Sakemm fl-1 ta' Jannar, 2014 il-konvenut kien

ikkonfrontaha u qallha li kien imdejjaq maghha u kien telaq mid-dar fl-gheluq snin S.

L-attrici tkompli tispjega li ppruvat taghmel l-almu taghha sabiex issalva z-zwieg u kienet baqghet taccetta li l-konvenut imur id-dar jiekol hemm u anke tahsillu l-hwejjeg. Sa anke marru ghand counsillor pero' ma waslu imkien. F' Mother' s Day 2014 kien ammetta maghha li ghandu relazzjoni ma' certu A li kienet tahdem bhala waitress maghhom fir-ristorant. Fil-fatt kien mar ighix maghha l-Imgarr.

L-attrici zzid tghid li peress li l-konvenut kien telaq habta u sabta, dan halla impatt kbir fuq it-tfal. S kienet izzomm go fiha, izda l-attrici rnexxielha tghinha tizvoga, filwaqt li A batiet hafna minn attakki ta' paniku u anke bdew icedulha saqajha. Kienet griet biha ghand hafna tobba u rrizulta li dan kollu kien minhabba t-trawma li telaqhom missierhom.

Minn mindu telaq mid-dar, l-attrici tghid li l-konvenut kien ghamilha c-CCTV kameras mad-dar u kien anke hadilha c-cwievet tal-garaxx u l-familja tal-konvenut li joqoghdu magenbha juzawlha l-ilma u jkollha thallas ghalih hi. Izid tghid ukoll li gieli rat lil A, is-siehba tal-konvenut tiehu l-fuel mill-pompa minn fejn dejjem tiehu hi u nnutat li tiffirma l-ktieb tal-kumpanija, meta hi mbaghad ikollha thallas il-fuel taghha hi stess.

L-attrici tishaq li l-konvenut ma jhalli lil hadd jidhol fid-dar matrimonjali, li kienet inghatat b'donazzjoni lill-konvenut minn missieru fis-6 ta' Mejju, 2016, la l-familjari taghha u lanqas tieghu u lanqas il-hbieb ta' S.

Dwar l-access tispjega li Shakira ilha ma tara lil missierha ghal zmien twil, filwaqt li A tippanikja hafna meta tkun trid tmur ghand missierha u tibda thewden minn hafna qabel. Tghid li bintha tilmenta maghha li missierha igieghlha torqod fuq saqqu u jhalliha hafna ma' nannitha jew ma' A u tiddejjaq. Skond ma tghidilha t-tifla ma jhalluhix tiehu r-rigali d-dar li jaghtuha l-familjari tal-konvenut u l-istess ghall-hwejjeg li jixtrulha.

L-attrici tishaq ukoll li l-konvenut ma jinvolvix ruhu fil-hajja tat-tfal u lanqas isiefirhom mieghu jew isegwi l-attivitajiet extra-kurrikulari taghhom.

L-attrici tghid ukoll li l-konvenut hadilha ukoll il-karozza li kienet tuza' u ghalhekk issa sabiex tmur x'imkien trid timxi jew issib lift, tant li dan wassal sabiex S titlaq mill-kors li kienet qed isegwi l-ITS peress li kien hemm wisq tragitti biex tasal ghal-lezzjonijiet u tkun tista' ukoll tlahhaq mal-football.

L-attrici tghid li kienet nefqet circa €3,000 sabiex irrangat il-karozza li hadilha u dan meta l-istess konvenut ghandu vetturi tal-kumpanija u vetturi ohra u certament m'ghandux bzonn il-vettura taghha.

L-attrici tkompli tishaq li l-konvenut kien ilu jilghabha zmien u kien juzaha sabiex tiffirmalu biex jiehu iktar flus mill-Bank u spiccat faccata bid-dejn ukoll. Issemmi ukoll li kellhom safe l-bank b'€100,000 f'kontanti u llum

ma tafx sar minnhom. L-istess ma tafx x'sar mill-€10,000 li kien sellef lil missieru u lanqas ma taf x'sar mid-dghajsa.

Dwar manteniment l-attrici tispjega li ghall-bidu kien ighaddilha €800 fix-xahar ghaliha u ghat-tfal, imbaghad meta bdew il-proceduri kien beda jtiha €400 fix-xahar u ma jhallasx sehemu mill-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Dwar il-flus tat-tfal li kienu gemmghu, kif ukoll ic-childrens allowance kien jissellef fuqhom biex jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellu mal-Bank.

F'Gunju, 2016, kien miet missierha u l-konvenut kien mar ghamel storbju shih sabiex hi u t-tfal jitilqu mid-dar ghaliex issa d-dar ta' missierha kienet vojta.

L-attrici ddentifikat ukoll is-segwenti vetturi li huma rregistrati fuq isem il-konvenut u/jew is-socjeta' Uman Group Ltd:-

i. Crane Coles bin-numru ta' registrazzjoni BAR 352;
ii. VW Bora bin-numru ta' registrazzjoni BTD 110;
iii. Isuzu Van bin-numru ta' registrazzjoni EBI 457;
iv. Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni UST 005;
v. DAF Truck bin-numru ta' registrazzjoni JBS 216;
vi. DAF Truck bin-numru ta' registrazzjoni JBS 217;
vii. DAF Truck bin-numru ta' registrazzjoni IBT 964;
viii. Cruiser Truck bin-numru ta' registrazzjoni BAA 638.

Kien hemm ukoll tghid dghajsa Francesca II li juza' l-konvenut.

In kontro-ezami, l-attrici tishaq li zzewwgu mhux ghax kienet harget tqila, izda ghax riedu jizzewwgu. Tikkonferma ukoll li l-genituri tal-konvenut kienu hallsu t-tieg ghax ghamlu kollox kif riedu huma.

Tinnega li ma riditx tahdem, izda kien il-konvenut li ma ridihx tahdem biex tiehu hsieb it-tifla u wara certu zmien kien talabha biex tahdem u ftit wara kienet regghet harget tqila.

In kontro-ezami ukoll ikkonfermat li kienet ghamlet il-korsijiet tal-hairdressing qabel ma kellha t-tifla. Tikkonferma li l-konvenut kien issuggerilha sabiex jifthu child care, meta l-Gvern kien qed joffri l-ghajnuna ghal min jiftahhom, izda kienet sfumat fix-xejn.

Biex tkampa finanzjarjament tghid li tiehu r-relief ta' single mother, il-manteniment li tircievi minghand il-konvenut ghat-tfal u dejjem toqghod bil-ghaqal. Tghid ukoll li kien ighinha missierha.

In kontro-ezami tikkonferma ukoll li ghandha hbiberija u kumpanija ma' KC , li kienet ilha tafu minn mindu kienu zghar u dan mis-sena 2014. Tikkonferma ukoll li kienet tghinu fil-bar li kellu fil-kazin tal-futbol ta' Hal Kirkop.

In kontro-ezami kkonfermat ukoll li x-xoghol tal-konvenut fil-kostruzzjoni kien irrendi u kienu sinjuri zghar u kienu komdi. Kienet tghinu f'dak li kien hemm bzonn bhall-karti, thott l-ghodda jew idahhal fil-kompjuter x'ikun dahhal mir-ristorant.

Tikkonferma ukoll li kien waqaf mill-kostruzzjoni peress li dak iz-zmien kien qed jithallas bi tpartit u ma riedx jibqa' sejjer hekk u kien ghalhekk li kien iddecieda li jiftah ristorant. Hemm kienet tghinu billi tikkonta l-cash u taf li f'xi zmien kien ighidilha li mhux sejrin tajjeb u kienet toqghod fuqu.

Kien hawn li fetah Uman Group Ltd biex jittenderja sabiex igorr is-*sludge*. Ma kinitx tahdem f'din il-kumpanija. Tghid pero' li kienet iffirmat ghad-dejn li kien ha sabiex jixtri t-trakkijiet mill-Bank u dan kien ghamel tajjeb bihom bid-dar, kif ukoll bil-flus li kellu ddepositati.

Dwar ir-relazzjoni ta' S mal-konvenut, in kontro-ezami tghid li l-iktar li hadet ghaliha kien meta l-flus li kien hemm mgemmghin ghaliha, kien hadhom il-konvenut u qatt ma tahomlha lura u dan meta ttiehdu mill-Qorti sabiex jithallas id-dejn.

Dwar Al, l-attrici, filwaqt li kkonfermat li kienet tahdem maghhom, ma kinitx issuspettat li ghandha relazzjoni mal-konvenut u dan iktar u iktar meta ma tantx kienet tkun ir-ristorant.

Dwar il-fatt li l-konvenut kien hadilha l-karozza, in kontro-ezami tikkonferma li kien qalilha li riedha missieru. Ghalkemm tikkonferma li damet xi tmien xhur minghajr karozza, kienet tuza l-vettura ta' KC u ohtha llum xtratilha karozza, izda qiedgha rregistrata fuq ohtha.

Dwar id-dghajsa kkonfermat ukoll li din kien bieghha u min xtraha kien hallas €2,000 u l-bqija tac-cekkijiet ma kinux issarrfu. Ikkonfermat li r-registrazzjoni kienet ghadha fuqhom u l-avukat difensur tal-konvenut kienet talbitha sabiex taccetta l-kancellament sabiex jitnehhu l-penalitajiet, izda ma kinitx accettat ghax kienet konvinta li d-dghajsa kienet ghadha taghhom.

In kontro-ezami ukoll l-attrici kkonfermat li mill-Water Services Corporation, is-socjeta' Uman Group kienet irceviet is-somma ta' €83,000 cirka u rrifjutat li gew depositati l-Bank u fil-fatt gew depositati l-Qorti.

Dwar it-trukk bin-numru ta' registrazzjoni BAA 638 tghid li dan kien proprjeta' parafernali tal-konvenut.

**Il-konvenut** ighid li kien ltaqa' mal-attrici meta kienu ghadhom zghar. Kienu jillitikaw ta' spiss, ihassru ghal gimgha u jerghu jirrangaw. Fl-1999, l-attrici kienet harget tqila b'S  u wara li twieldet kienu hadu d-decizjoni li jizzewwgu. Fl-1997 missieru kien tah trakk tal-gebel bin-numru ta' registrazzjoni BAA 638 biex jahdem ghar-rasu u kien imbaghad ghaddih lis-socjeta' Uman Group Limited meta rregistraha.

Ighid li missieru kien tah ukoll vettura Volkswagen Bora BTD 110 li ghadha ghandu. Jikkonferma ukoll li l-genituri tieghu kien hallsu t-tieg.

Sakemm damu jghixu ghand omm l-attrici kien qed ilesti mezzanin li kienu tawh il-genituri tieghu z-Zurrieq. Kienu tawhulu gebel u saqaf u kienu tawh il-flus sabiex ilestih. Ighid li kien ghamel ix-xoghol kollu hu, hlief ghad-dawl u ilma li kien ghamlu nannuh. Missier l-attrici kien ghamlilhom is-soqfa, zewg bibien u tieqa tal-injam tal-faccata u kien ghamlilhom kamra tas-sodda, izda kien xtara l-materjal hu.

Kienu dahlu fil-mezzanin f'Dicembru, 2000 u sa dak iz-zmien kien ghadu jahdem maz-zijiet u part-time ghar-rasu bit-trakkijiet, filwaqt li l-attrici ma kinitx tahdem, izda kienet ghamlet kors ta' hairdressing.

Wara xi sentejn beda jahdem bi shab ma' certu P F, izda damu biss xi sena u nofs u F  telaq u hu baqa' fil-kostruzzjoni.

Jattribwixxi l-problemi li bdew wara li mietet omm l-attrici, ghax l-ahwa kienu bdew jiehdu hsieb lil missierhom u jalternaw biex jorqod ghandhom. Imbaghad gara li oht l-attrici kienet tilfet lir-ragel u kienet tkun hafna ghand

l-attrici, tant li l-konvenut kien beda jiddejjaq li kull meta jmur id-dar kien dejjem isib li xi membru tal-familja tal-attrici u ma tantx kien ikollhom hin flimkien. Ighid li s-sibtijiet missier l-attrici u ohtha kienu dejjem hemm. Kien imbaghad xtara dghajsa biex iqattghu l-weekend flimkien.

Dwar id-dghajsa jghid li kien xtraha Lm6,000 u kien hallasha mill-ewwel u damet ghandhom sas-sena 2012 meta bieghha lil DM peress li l-attrici ma kinitx tmur izjed fuqha. Kien bieghha ghall-prezz ta' €7,000 u kellu jithallas bi tlett pagamenti €2,000 fit-28 ta' Lulju, 2017, €1,500 fil-15 ta' Settembru, 2012, u €3,500 fit-28 ta' Ottubru. 2012, izda kien ghamel biss l-ewwel pagament. Kienu spiccaw il-Qorti u d-dghajsa kienet baqghet fuq ismu. Sar jaf ukoll li dan Micallef kien biegh id-dghajsa u offra li jhallas bil-kambjali ta' €200 fix-xahar, izda l-attrici ma riditx peress li skond hi Micallef kellu jaghtihom €7,000 u mhux €5,000.

Ighid li l-affarijiet komplew sejrin ghall-aghar meta l-attrici kienet tohrog m'ohtha u kienet tidhol id-dar u ghad trid taghmel il-faccendi u t-tisjir. Kien beda jkollhom ukoll tilwim fuq S ghax l-attrici kienet thalliha taghmel li trid, filwaqt li l-konvenut kien jikkastigaha u kien jidher ikrah hu.

Fl-2008, ix-xoghol kien qabad in-nizla u kien imhajjar imur jahdem il-Libya u kien tela' ghal gimgha, izda peress li fl-istess zmien, l-attrici kienet harget tqila, kien iddecieda li ma jmurx ghax ghalih il-familja kienet tigi l-ewwel.

Kien beda jipprova jhajjar lill-attrici sabiex tahdem u anke kien offra li jifthilha childcare, izda riedet tibqa' d-dar. Kien ghalhekk li ntefa' b'ruhu u gismu fix-xoghol tal-kostruzzjoni u kien jahdem bejn l-5am sal-4pm.

Gara pero’ li oht l-attrici kienet tkun ghandhom hafna wara li miet zewgha u lanqas kienet thalli spazju sabiex jitkellem ma’ martu. Kien ghalhekk li kien iddecieda li jidhol shab ma’ certu GZ sabiex jifthu restaurant « La Nostra Padrona. » Kien waqaf mill-kostruzzjoni fl-2010 biegh l-ghodda u fethu r-restaurant fl-4 ta’ Lulju, 2011. L-attrici kienet tinzel kull filghodu biex taghlaq il-cash ta’ filghaxija.

Jispjega li n-negozju ma tantx kien sejjer tajjeb u fil-fatt sid ir-ristorant kien ghamilhom kawza sabiex ihallsu l-kera. Fil-fatt kien ceda sehemu lil sid il-kera. Ghalhekk kien hareg minn dan in-negozju u kien irregistra l-kumpanija Uman Group Limited sabiex jibda japplika ghat-tenders tal-Gvern fuq rimi ta’ skart. Kienu anke hadu self mill-bank sabiex jixtri t-trakkijiet u jimpjegaw in-nies maghhom malli hadu l-ewwel tender. Jikkonferma li llum dan id-dejn thallas kollu.

Jikkonferma li bhala tenders fuq il-perjodu bejn 2015-2016 kien ha cirka b’€700,000, li minnhom €360,000 hallas il-Bank fuq pagamenti tul ix-xhur. Kellu ukoll l-ispejjes tad-diesel, tal-impjegati, tat-trakkijiet u anke spejjes tat-tyres.

Ighid li l-attrici baqghet taghti wisq importanza lil ohtha u kienet idum barra maghha u ma tihux hsieb li t-tfal jieklu sew. Ghalhekk kien idejjaq b’dina t-tip ta’ hajja minghajr rutina u kien ghalhekk li fl-ahhar tas-sena 2013 kien iddecieda li jrid jitlaq mid-dar. Kien qalilha b’dan fit-13 ta’ Jannar, 2014 sabiex jieqfu l-argumenti bejniethom, izda xorta filghaxijiet kien imur jiekol maghhom u l-attrici kienet anke baqghet isajjarlu u tahsillu l-hwejjeg u kienu anke marru ghand counsellors.

Pero’ hass li ma kienx hemm triq ohra hlief li jisseparaw u kera flat l-Imgarr.

Ghall-habta ta' April, 2014 beda jitkellem ma' A C  li kienet tahdem maghhom ir-restaurant ta' Marsaxlokk u peress li anke hi kienet ghadha hierga minn relazzjoni twila bdew jitkellmu u sabu konfort f'xulxin. Kienet stiednitu sabiex imur maghha tieg ta' habibitha u kien informa lill-attrici b'dan.

Jinnega li r-relazzjoni tieghu ma' Al bdiet meta kien ghadu joqghod id-dar. L-attrici kienet taf li kellu relazzjoni maghha u talbitu biex ma jlaqqahix mat-tfal.  Jinnega li l-ingenji ta' Uman Group gew trasferiti lis-socjeta' Allycabs li tappartjeni lil Al.  Din is-socjeta' tiehu hsieb il-garr ta' sludge li huwa differenti minn xogholu. Gieli tikri trukk minghandu u dan jinkera ghall cirka €1000 fix-xahar.

Jikkonferma li l-attrici kienet ilha f'relazzjoni ma'  KC  li kienet ilha tafu minn zmien l-iskola u kienet tuza lil ohtha sabiex tghatti dina r-relazzjoni. Kien iktar konvint b'dan peress li fl-istess zmien, wara li kellhom lil A, l-attrici kienet tevita li jkollhom relazzjonijiet intimi u kien attribwixxa dan ghal fatt li kienet minhabba li kellhom it-tifla. Imbaghad in kontro-ezami jghid li hu telaq mid-dar fit-13 ta' April, 2014 u l-attrici bdiet relazzjoni ma' C f' Awissu, 2014.

Il-konvenut jikkonferma li dejjem kien ihallas il-manteniment u llum ighaddi €200 fix-xahar ghall-minuri A biss, ghax S llum maggorenni u tahdem. Kienu ziedu mitt Euros sabiex jikkontribwixxi lejn l-ispejjes tas-sahha, edukazzjoni u dawk extra-kurrikulari. Dwar S jghid li meta bdiet tahdem kien waqqaf il-manteniment, izda meta bdiet terga' tistudja kien rega' beda jtiha manteniment. Meta kienet talbitu sabiex jixtrilha karozza, ighid li seta' jaffordja biss wahda second hand, izda riedet wahda aqwa u peress li kien qed ihallas id-dejn ma setax ilahhaq.

Dwar S jghid li kellhom relazzjoni naqra turbolenti u ghamlu snin ma jitkellmux. Maz-zmien ighid li r-relazzjoni taghhom tjiebet u jiltaqghu jew jikkomunikaw ma' xulxin. Hallsilha ukoll kors tal-avjazzjoni li kien jiswa €2900 u l-kors ghamlitu u ghaddiet. In kontro-ezami jikkonferma li prattikament b'dan il-mod qed jaghtiha l-flus lura li kien thallas il-bank. Jispjega li d-dizgwid li kellhom kien dwar il-flus tat-tfal. In kontro-ezami jispjega li ma kienx hadhom hu, izda kienet il-Qorti li ordnat li jittiehdu dawn il-flus li kienu ppleggjati sabiex jithallas il-Bank. Jispjega li kien ikollu hafna xi jghid mal-attrici ghaliex kienet thalliha tmur Paceville, meta kienet ghadha taht l-eta'. Kienet ukoll thalliha ddahhal id-dar guvintur li kienu ikbar minnha.

Jinnega li ma riedx ihallas ghall-O'Levels u lanqas ghal-libsa tal-precett u jghid li hadd ma talbu l-flus.

Ighid li kien hemm ukoll poloz ta' €80,000 li kellhom ituhom l-Wasteserv u ghadhom il-Qorti.

Mentri ma' A ghandu relazzjoni tajba u taqbel mas-siehba tieghu Al, kif ukoll thobb lit-tifel li kellu minghandha.

Jara lil A skond il-hinijiet tad-digriet ghalkemm jahseb li ghandha tkun mieghu peress li qed titrabba fl-ambjent tal-kazinijiet u peress li l-attrici tkun qed tghin lis-sieheb taghha tghaddi hafna hin hemm anke meta l-ghada jkollha l-iskola.

Ighid li ma jafx kif l-attrici tmantni lilha nnifsha pero' kien jaf li kienet tghin lis-sieheb taghha. Kien anke ghalhekk li kien hadilha l-karozza peress li kien qed juzaha dan KC . Ighid ukoll li peress li l-attrici kienet ghamlet

hafna mandati fuq il-kumpanija Uman Group Ltd ma setax jahdem bil-kumpanija kif ried, izda peress li kien hemm id-dejn li kellu jithallas kien ghamel arrangjament biex jibqa' jahdem ghall-kumpanija sakemm jinqata' dan id-dejn. Kien jithallas b'cekk u jsarrfu ghand in-nies u dan sabiex ikun jista' jhallas il-bank ghax altrimenti kien hemm ir-riskju li jehdulu d-dar li kienet qed taghmel tajjeb ghad-djun.

Dwar it-trakkijiet in kontro-ezami jikkonferma li dawn qedghin irregistrati fuq missieru ghax hadhom bhala garanzija ghall-flus li sellfu.

Bhala kera ghandu €380 fix-xahar u €10 tal-komun. Meta xehed iktar tard ikkonferma li llum ighix fid-dar tal-genituri tas-siehba tieghu Al.

In kontro-ezami ikkonferma li llum huwa impjegat ma' Azone Ltd. Bhala project manager u bhala paga ghandu €1,500 fix-xahar, gross. Jahdem mit-Tnejn sal-Hamis u jahdem anke s-Sibtijiet.

Ipprezenta ukoll l-audited accounts ta' Uman Group ghas-snin 2017 sa 2019 u ghaddiehomlu l-awditur K M .[2] Ighid li l-uniku dejn li ghandha s-socjeta' Uman Group Ltd huwa ma' Ustin Holdings Ltd.

Ipprezenta ukoll dokument bejn Uman Group Ltd u Allycabs Ltd. [3] Dina s-socjeta' tikri t-trakkijiet lil Allycabs Ltd u jinkrew ghal €1000 fix-xahar u dejjem ikun hemm wiehed standby, izda jghid li hemm trakk wiehed li ma jikkwalifikax ghax-xoghol ghax huwa EuroIV bhala emissions.

[2] Doks. XLV 2- XLV 4
[3] Dok. XLV 1

Ipprezenta ukoll kopji tal-invoices u spejjes li kien ikollha s-socjeta' Uman Group Ltd. [4]

**AS** , hija kugina tal-konvenut u tghid li l-attrici dejjem kienet persuna tar-rispett lejn kulhadd u dak kollu li qed jigri da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici huwa ngustizzja lejha u lejn it-tfal.

Tghid li ghalkemm il-konvenut telaq l-attrici u t-tfal biex imur ma' mara ohra, kien baqa' jsus il-passi taghha u sa anke installa kamera mal-bieb ta' barra fejn tghix l-attrici bit-tfal u ma jhalla lil hadd jidhol fid-dar.

Tispjega ukoll li sakemm damu flimkien il-partijiet, kienet tiffrekwenta d-dar taghhom u kien hemm hafna rispett u sa anke l-konvenut kien izomm lil familtu finanzjarjament tajjeb u issa qed jipprova jivvendika ruhu minnu. Kienet osservat pero' li l-partijiet qatt ma kienu ugwali fir-relazzjoni taghhom u l-konvenut kien jahseb li huwa l-kap.

Minn mindu l-konvenut telaq lill-attrici toqghod lura minn hafna kapricci sabiex ikollha flus biex tghin lil uliedha. Kienet taf li ghat-tfal ma kienx irid jaghtiha flus u lanqas hallas ghall-O'Levels ta' S.

Ghalkemm illum S, li hija maggorenni saqsietu ghall-ghajnuna sabiex tixtri karozza, lanqas biss ghinha u l-istess bintu thossha traduta minnu.

Dwar it-tifla A tghid li l-konvenut jipprova jimmanipulaha sabiex iwassal messaggi lill-attrici, bhal meta mar ighidilha li s-siehba tieghu kienet qed tistenna tarbija.

[4] Dok. XLV 5- XLV 10

**MA** kugina tal-konvenut tikkonferma li missier il-konvenut huwa benestant, kif ukoll il-konvenut stess. Tghid li fiz-zmien kien fil-kostruzzjoni u llum ghandu kumpanija tal-garr u bit-trakkijiet. Tikkonferma li ghandu l-impjegati mieghu u n-negozju huwa tajjeb u jdawwarha sew.

Tikkonferma ukoll li l-attrici dejjem uriethom hafna rispett u kien iddispjaciha meta l-konvenut kien qalilha li jiehu qata' jmur id-dar minhabba l-istorbju tat-tfal.

Filwaqt li l-konvenut illum igawdi bis-siehba tieghu Al, l-attrici u t-tfal ibatu u dan meta l-konvenut lanqas biss mexa sew maghhom, ghax hadilha l-karozza li kienet tuza' biex twassal lit-tfal u anke gibed il-flus tat-tifla S u meta ghenitu jixtrlha karozza qallha li setghet tmur tahdem. Dan ghax qaltilha hi stess.

Peress li hija girien tal-attrici tikkonferma li minkejja li l-konvenut telaqha ghal mara ohra, xorta wahhal il-kameras mad-dar sabiex isus il-passi taghha u biex jaccerta ruhu li ma jidhol hadd iehor fid-dar.

**AA ,** ukoll kugina tal-konvenut ikkonfermat l-istess verzjonijiet tal-qraba l-ohra tal-konvenut, Izid tghid ukoll li l-konvenut minn dejjem kien tip ta' persuna negattiv u jgerger. Tghid li ftit wisq kellha konversazzjonijiet mieghu, anke meta kienu izghar u kien anke jhobb joqghod ghar-rasu.

Tghid li anke fil-parties li kienet torganizza l-attrici ghat-tfal, kien jigi tard u meta kien jasal kien joqghod igerger jew joqghod wahdu.

Peress li tahdem l-ajurport, tghid li kemm il-darba kienet tinserta lill-konvenut li jkun gej jew sejjer ghall-btala mas-siehba tieghu Al.

Tghid ukoll li t-tfal gieli semmewlha li ma jridux imorru ghand missierhom peress li Al kienet tindahal hafna. In kontro-ezami kkonfermat li darba kien hemm okkazzjoni fejn kienet iltaqghet ma' A li kienet mal-konvenut u Al. Ghar Lapsi u kienu jidhru normali.

**MF ,** oht l-attrici tispjega li kienet saret taf lill-konvenut meta beda johrog mal-attrici. Tghid li minn dejjem kien tip ta' bniedem ta' wahdu u qatt ma tant kellha xi konversazzjoni fit-tul mieghu.

Izid tghid li meta l-attrici kienet qed tistenna lit-tieni wild lil A, kienet tibki u tkun mdejjqa hafna u meta kienet ikkonfrontatha kienet qaltilha li l-konvenut kien qallha li dina t-tqala kienet zball iehor.

Meta mietilha r-ragel kienet ghamlet xi xahrejn tghix mal-partijiet u kienet taf li l-konvenut rari kien ikun id-dar ghax dak iz-zmien kellhom ir-ristorant La Nostra Padrona. Kien jidhol tard hafna u jitlaq mid-dar kmieni filghodu, tant li bilkemm kien jara lit-tfal.

Gieli l-attrici kienet tinzel bit-tfal ir-ristorant u kienet tinzel maghhom u kienet indunat li dina AL kienet iddum tilghab mat-tfal, minflok tahdem u l-konvenut ma kien ighidilha xejn. Anzi, pjuttost il-konvenut kien igerger peress li t-tfal ma kinux joqoghdu kwieti.

Tikkonferma li l-attrici kienet tqatta' hafna hin wahedha bit-tfal, kemm is-sibtijiet u l-hdud. Tghid ukoll li minhabba f'hekk ohtha qatt ma setghet tahdem u peress li hi kellha naqra depression wara li mietilha r-ragel ma setghetx izommilha t-tfal.

Kien hemm zmien pero' fejn il-konvenut kien jafda lill-attrici ghaliex kienet tinzel il-hanut filghodu u tiehu hsieb il-cash.

Xi hames snin wara, il-konvenut kien l-ewwel talab lill-attrici biex jiehu break peress li ma kienx jaf kif kien qed ihossu, imbaghad saret taf li telaqha ghal Al. Izid tghid li l-attrici baqghet tittama li jirrangaw iz-zwieg u kieku mar lura kienet taccettah.

Wara li telaq pero' ma hallix lill-attrici bil-kwiet u kien icemplilha u joffendiha. Hi personalment kellha konfront mieghu peress li zewgha kien qalilha li kien rah ma' mara ohra f'Ta' Qali ftit wara li twieldet A.

Tista' tikkonferma ukoll li l-istat finanzjarju tal-attrici mhux tajjeb, fejn qabel il-konvenut kien galantom peress li hu negozjant li jaghmel il-flus, issa jghaddilha biss il-manteniment u lanqas biss jikkontribwixxi ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Bhala libsa tal-precett ta' A kienet xtratilha hi ghax lanqas ta' flus lill-attrici.

Tishaq li ghandha relazzjoni tajba ma' ohtha u n-neputijiet, tant li A tghidilha li jekk missierha jixtrilha xi affarijiet kemm hu kif ukoll Al, ma jhalluwihx tehodhom id-dar ghand ommha.

Tispjega li meta mietet ommhom, l-attrici kienet offriet li zzomm id-deheb t'ommhom fis-safe fejn kienet izzomm id-dehebijiet tat-tfal u kien hemm xi flus *cash*. Meta l-konvenut kien telaq mid-dar kienet marret tiehu d-deheb u sabet li l-konvenut kien ha l-cash kollu.

**SM ,** bint il-partijiet tghid li kienet close hafna ma' missierha meta kienet zghira. Kienet taghmel hafna affarijiet mieghu, hlief li ma kienx jattendi l-

concerts u parties taghha ghax dejjem kien ighid li ghandu x-xoghol. Ilum tghid li l-affarijiet inbiddlu ghax mas-siehba tieghu johrog u jattendi parties u anke jattendi concerts ta' ohtha z-zghira.

Tghid li missierha kien qallha li kien ser jitlaq mid-dar l-ghada tal-birthday taghha u kollha kienu haduha bil-kbira u rieduh lura. Kien dar kontriha peress li kienet turih l-opinjonijiet taghha u lil ohtha z-zghira, li kienet tibkilu biex imur lura d-dar, kien jinjoraha u jghidilha li issa jghaddilha. Ohtha fil-fatt kienet bdiet tbati bil-panic attacks bil-biki li kienet tibki.

Tghid li maz-zmien, missierha iktar sar aghar u possessive. Kien wahhal kamera faccata tal-bieb tad-dar fejn kienu jghixu u ma kienx irid li jidhol hadd lanqas hbiebhom.

Kien anke hadilhom il-karozza u kienet iggieldet mieghu ghax ma kienx qed jittratta lilha, lil ohtha u lil ommu tajjeb. Fil-fatt dejjem tiggieled ma' missierha u l-iktar li jiggieldu apparti fuq il-mod kif jittrattahom, iktar fuq il-mod kif haddilha l-flus li kellha mgemmghin biex iwaddabhom fuq stocks tal-gvern f'ismu biex jaghmel tajjeb ghad-dejn li ghamel.[5]

Kienet anke talbitu sabiex ighinha finanzjarjament sabiex jixtri karozza u rrifjuta, anzi qallha sabiex tmur tahdem.

Tghid li llum iddecidiet li ma tiltaqax ma' missierha izjed peress li s-siehba tieghu AL, kienet tindahal hafna. Tghid li hemm nuqqas ta' fiducja bejniethom u ghalkemm ippruvaw jirrangaw u jitkellmu ma rnexxilhomx.

Jiddispjaciha ukoll li missierha kien ghamel kumpanija fuq is-siehba tieghu, meta jaf li hi iktar tifhem fl-inginjerija u l-makkinarju. Kienet ikkonfrontatu fuqha u rrispondiha li hekk ried.

[5] Dok.A

Dwar il-manteniment, tghid li l-attrici tiddependi fuq dak li jtiha l-konvenut ghall-uliedhom. Ma jikkontribwixxi lejn xejn aktar u dejjem ommha taghmel is-sagrificcji sabiex tara li ma jonqoshom xejn, Lanqas ried ihallas jew jikkontribwixxi ghall-ispejjes tal-libsa tal-precett t'ohtha.

Missierha jghid li huwa fallut, pero' tghid li taf li jahdem hafna u ghandu l-haddiema u peress li tghaddi minn hdejn il-MCast tara t-trakkijiet ta' missierha ghaddejjin.

Peress li l-konvenut iffriza l-kontijiet tal-bank tal-attrici, il-kontijiet tal-internet u l-Go plc. Ma bdewx jithallsu u saret taf l-attici meta qatghu l-internet. Minhabba f'hekk spiccat li lanqas setghet taghmel ix-xoghol tal-iskola. Meta cemplitlu biex tgharrfu bil-problema kien interessat biss li kien hemm is-siehba tieghu l-isptar.

**CS** , tifla tal-kugina tal-konvenut ukoll ikkonfermat li l-attrici dejjem uriet rispett lejn il-konvenut u l-familjari tieghu. Kienu jghixu hajja tajba u ma kien jonqoshom xejn u l-attrici tant kienet tafda lill-konvenut li lanqas biss kienet riedet temmen li kellu wicc haddiehor. Minkejja li saret taf li kien ma' Al  kienet lesta li taccettah lura jekk kien imur.

Tghid li S hadet is-separazzjoni bi kbira hafna ghax kienet dejjem ma' missierha u issa kienet qed isib lil Al,  dejjem fin-nofs.

Illum taf li l-konvenut ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus u anke hadilha l-karozza. L-istess jaghmel mal-tfal. In kontro-ezami tikkonferma li dan tafu minn dak li kienet tghidilha l-attrici u kienet tikkunsidraha bhala persuna onesta.

Tikkonferma li l-attrici kienet introducietha lil K C  bhala l-habib taghha u dan wara li l-konvenut telaq mid-dar. Ghall-bidu kienet habib mieghu, izda mbaghad sar il-partner taghha.

Illum tikkonferma li l-konvenut xtara karozza lil S.

**KC** , ilu jaf lill-attrici mill-Primarja, izda kien rega' ltaqa' maghha fil-grawnd ta' Hal Kirkop, peress li bint il-partijiet kienet tkun hemm ghat-training. Kien imbaghad saru hbieb fuq Facebook.

Ighid li bdew jiffrekwentaw lil xulxin bejn l-2014/2015 u kellhom relazzjoni normali u kienu jiltaqghu kuljum filghaxijiet. Ighid li kien hemm xi zmien li  kien imexxi il-bars fil-kazinijiet tal-football ta' Hal Kirkop, Mqabba u Zurrieq u kiennet tmur tghinu l-attrici peress li ma kellux haddiema mieghu. Kienet tnizzel lit-tifla minuri maghha, izda dejjem kienet titlaq qablu cirka ghall-habta tal-10.30 pm peress li t-tifla kien ikollha l-iskola.

Illum ighid li qed jahdem bhala tile layer.

Ighid li ghandu relazzjoni tajba mat-tfal ta' C. Jikkonferma ukoll li ma jghixux flimkien, izda l-attrici tkun ghandu ta' spiss ir-razzett. Ighid ukoll li darba kellu argument mal-attrici rigward il-vettura tieghu. Jaf li llum xtrat karozza minghand habibitha D,  pero' ma kinitx taf kemm kienet hallset taghha.

Jinnega li jaghti xi flus lil C.

**Il-genituri** tal-konvenut spjegaw li peress li l-konvenut huwa l-uniku wild taghhom laqghu lill-attrici fil-familja taghhom. Bhala gharajjes kellhom relazzjoni tajba u kienu serji.

Meta l-attrici kienet harget tqila, riedu jaraw kif ser ighinuhom finanzjarjament peress li kellhom diversi responsabbilitajiet. Bnewlhom garaxx kbir b'mezzanin fuqu fuq art li kienet taghhom biex ikollhom fejn joqoghodu bhala familja, imbaghad wara xi zmien taw il-proprjeta' b'donazzjoni lill-konvenut.

Missier il-konvenut ighid li huma kienu hallsu kollox sabiex inbena l-post u l-garaxx nifduh mad-dar taghhom ukoll sabiex igawduh huma. Missier l-attrici kien ghamlilhom il-kisi tas-soqfa u l-bibien ta' barra. Kienu anke tawhom sodda gdida. Kulma kien jonqoshom kien li jixtru l-ghamara.

Tul dan il-perjodu, il-konvenut kien jahdem fil-barriera taz-zijiet, imma mbaghad missieru kienx xtralu trakk sabiex jahdem ghar-rasu.

Kienu darrew lill-konvenut biex jahdem u jistinka u fil-fatt minhabba f'hekk kien izomm il-familja komda u ma kellhiex ghalfejn tahdem, izda minkejja dan l-attrici ma tantx kienet igiblu rispett. Kienu anke ndunaw li l-attrici ma tantx kienet izzomm id-dar nadifa u lanqas ma kienet tlesti l-ikel minn qabel sabiex meta jirritorna lura d-dar il-konvenut kien isib l-ikel lest.

Ghalkemm gieli raw lill-konvenut hosbien u mdejjaq ma ntebhux li kien minhabba problemi fiz-zwieg, sakemm l-attrici kienet infurmathom li kien telaq mid-dar u ma kinitx taf ir-raguni.

Jikkonfermaw li wara li l-konvenut telaq mid-dar kien mar ighix go kamra fil-barriera, imbaghad kera post l-Imgarr. Jikkonfermaw ukoll li zmien wara beda relazzjoni ma' A u ndunaw li l-attrici kienet qed tiffrekwenta lil KC.

Jammettu li kienu nqalghu xi intoppi peress kienu sabu lill-attrici tahsel il-karozza fil-garaxx li jinfed mad-dar taghhom, flimkien ma' K u kienu anke rawh isuq il-karozza li kienu xtraw, li mbaghad taw lill-konvenut u cioe' l-Volkswagen Bora.

Isemmu ukoll li meta l-partijiet kienu hadu r-ristorant u kienu tilfu hafna flus fuqu, il-konvenut kien waqqaf kumpanija tat-trasport Uman Group Ltd u meta l-attrici kienet ghamlet sekwestru fuqu, il-konvenut kien talbu l-flus biex ikompli jahdem bil-kumpanija. Ghalhekk kien sellfu €50, 000 li kellhom jithallsu fuq hames snin, minghajr imghax u dan mill-kumpanija taghhom Ustin Holdings Ltd. Maz-zmien ighid li kien ftiehem mal-konvenut li minflok il-kumpanija tieghu thallsu bi flus, kellha thallas bit-trakkijiet.

Omm il-konvenut tghid li llum kienu taw lil S,  il-karozza taghhom Volkswagen Golf u dan wara li riedet lil missierha jixtrilha karozza sew, izda ma setax jaffordja.

**WPC 20 Sonia Schembri** pprezentat il-fedina penali tal-konvenut.[6] Ipprezentat ukoll tlettax-il rapport li saru fil-konfront ta' xulxin.[7]

**Komunjoni tal-Akkwisti**

**Joanna Bartolo,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet f'isem Uman Group irrizulta li kien hemm seba'

[6] Dok. SS1
[7] Doks. PC1 – PC13

kontijiet u zewg credit cards li huma tterminati. Hemm savings account li huwa maghluq.[8]

Hemm business overdraft li ghadu miftuh u fih sa Lulju 2016 irrizulta li kien hemm €152,971.66 li ghadhom dovuti lill-Bank.[9]

Hemm ukoll business loan li huwa miftuh ukoll u sa Lulju, 2016 kien hemm l-ammont ta' €29,779.35 ghalkemm dan ma jirrizultax mid-Dokument JB3 peress li ma kienx hemm statement generat mill-ahhar entry.

Hemm ukoll business loan li juri bilanc ta' €77,271.89 u dan huwa in debit lejn il-Bank.[10]

Hemm business overdraft li llum huwa maghluq u fil-fatt inghalaq wara xahar li nfetah.[11]

Hemm ukoll credit card loan fejn il-flus ingibdu u ntuzaw u ghad hemm bilanc ta' €7,065.29 li ghadhom dovuti lill-Bank.[12]

Kien hemm ukoll credit card wahda li kienet twaqqfet u giet ikkancellata totalment f'Marzu, 2016.[13]

F'isem  CM kien hemm sitt kontijiet, tlieta minnhom biss ghadhom miftuhin.[14] Hemm tlieta maghluqin.[15]

Tispjega ukoll li kien hemm xi investimenti li nxtraw taht il-Valletta Fund Management reference number 29234 u dawn kienu gew kollha migbudin. Kien hemm ukoll zewg insurance policies mal-MiddleSea Insurance MSV

[8] Dok. JB 1
[9] Dok. JB 2
[10] Dok. JB 4
[11] Dok. JB 5
[12] Dok JB 6
[13] Dok. JB 7
[14] Doks. JB 11-JB13
[15] Dok. JB8-JB10

Life bin-numru tal-polza FP 469433 u FP 469689 li kienu nxtraw mill-Bank of Valletta plc.

Jirrizulta ukoll li kien hemm safe deposit locker li kien miftuh bejn l-2007 u l-11 ta' Gunju, 2014 u dan kien joint bejn il-partijiet, li jgib in-numru 11736. Kien inghalaq peress li l-affarijiet ittiehdu u l-lockers gew ikkancellati.

Tghid ukoll li fis-7 ta' April, 2014, infetah *safe deposit locker*, f'isem il-konvenut u ghadu miftuh. Tispjega li fuq dan is-safe deposit locker kien jithallas €35 kull sena u dan sat-8 ta' April, 2020 u mbaghad mis-sena 2015, il-fee nbiddlet ghal €120, izda peress li l-istanding order ma nbiddlitx baqghu jithallsu €35 b'dan li hemm bilanc dovut ta' €630. Il-hlasijiet kienu jsiru billi jittiehdu l-flus mill-kont Uman Group Limited. Dan il-*safety deposit box* ma nfetahx mis-sena 2020 sallum.[16]

Dwar il-konvenut jirrizulta li f'ismu kien hemm tlett kontijiet li llum jinstabu maghluqa.[17]

Hemm savings account li ghadu miftuh.[18]

Jirrizulta ukoll li kien hemm xi investimenti mal-Valletta Fund Management, kien hemm wiehed joint li jgorr in-numru 29234, pero' f'isem il-konvenut kien hemm numru iehor 153289 u dawn gew migbudin ukoll.

L-insurances mal-MiddleSea huma joint, pero' wahdu l-konvenut ghandu single premium plan insurance ohra u r-referenza hija FP 485960.

[16] Dok. JBX 1
[17] Doks. JB14-17
[18] Doks. JB 18

Kellu ukoll Visa Gold, credit card li hija kkancellata u fuqha kien hemm supplementary tal-attrici li hija kkancellata.[19]

Kien hemm tnax-il kont f'isem il-partijiet konguntivament. Uhud minnhom huma maghluqa u ohrajn miftuhin.[20]

Ma' terzi hemm erba' kontijiet. Hemm kont kurrenti jismu Paul Farrugia u Ustin Mangion, liema kont ghadu miftuh u bblukkjat u fih bilanc ta' €11.[21]

Kien hemm overdraft account li nghalaq u kien jismu Messrs M and Z account La Nostra Padrona u llum huwa maghluq ghax thallas.[22]

L-istess huwa l-kaz tal-kont Business Loan Account jismu Messrs Mangion and Zammit account li llum huwa maghluq ghax thallas.[23]

Hemm savings account li ghadu miftuh pero' huwa ibblukjat, fejn hemm bilanc ta' €240 u l-kont jismu UM u GZ .[24]

Hemm overdraft account li huqa miftuh, izda bblukkjat bil-bilanc ta' €23,767.04 li jismu Messrs JUr & C M.[25] Jirrizulta li fl-ahhar kont jidher li hemm bilanc ta' €23, 767.04, liema bilanc huwa dovut lill-Bank.

Tghid ukoll li l-files tal-konvenut flimkien ma' terzi qedghin ir-Recoveries Unit tal-Bank.

Dwar cekk mahrug minn Ustin Holdings Limited fl-ammont ta' €50,000 datat 9 ta' Lulju, 2015 u mizmum mill-HSBC gie pprezentat fil-Bank of

[19] Dok. JB 19
[20] Doks. JB 20 – J 31
[21] Dok. JB 32
[22] Dok. JB 33
[23] Dok. JB 34
[24] Dok. JB 35
[25] Dok. JB 36

Valletta plc. fl-10 ta' Lulju, 2012 u gie ddepositat f'kont tal-Uman Group bil-kont numru 40021502194 li huwa business overdraft.[26]

Dwar il-kumpanija Allycabs (C75823) tikkonferma li sabet zewg kontijiet savings account u current account.[27] Tghid ukoll li l-entrata li tirrizulta fis-savings account fl-20 ta' Frar, 2017 jirrizulta li kienet saret internet banking transfer ta' €25,000 min MPM Capital Investment u jirrizulta li hemm kumment li jghid "settlement."

Dwar is-socjeta' 2M Holdings Limited C-53241 irrizultaw tlett kontijiet li ghadhom miftuhin.[28]

Ix-xhud ipprezentat ukoll updates relatati mal-kontijiet bankarji bejn is-sena 2000 u 2005 u 2016 to date.

Ghas-snin 2000 sa 2005 ipprezentat tlett kontijiet.[29]

Ghas-snin 2016 to date pprezentat tlett kontijiet.[30]

**Tony Xuereb**, in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plx xehed dwar self moghti lis-socjeta' Uman Group Ltd. C 58449 u pprezenta index dwar is-sanction letters u s-self temporanju. Hemm inkluz credit card li nqalbet f'forma ta' loan. Ipprezenta ukoll zewg kuntratti dwar securities fuq parti minn debitu ghaliex kien hemmm parti garanti b'ipoteki u parti ohra bi flus jew titlu ta' kreditu.

[26] Dok. BOV 1 u BOV 2
[27] Dok. AC1 – AC2
[28] Dok. 2M1-2M3
[29] Doks. BOV 1,2 u 3
[30] Doks. BOV 4, 5 u 6

Ighid ukoll li hemm garanzija bankarja ta' €200,000 u pprezenta ukoll il-bank statements sa meta nqata' d-debitu. Illum jikkonferma li ma fadalx dejn.Izid ighid li hu dahal fil-kwistjoni fl-2016, meta l-file ma baqax fil-business centre, izda gie trasferit fir-recoveries section ghax waqfu l-pagamenti fuq il-loans. Il-Bank kien ghamel il-proposti taghhom, pero' mbaghad dan id-dejn thallas, dejn li kien f'isem il-partijiet, kif ukoll il-genituri tal-konvenut.

Il-konvenut dejjem kien dispost li jigu likwidati l-cash u l-insurances li kienu qed jaghmlu tajjeb, izda l-attrici dejjem insistiet li riedet tkellem lill-avukat u ghalhekk dan ma sehhx.

Fl-2016, saret call in sabiex jithallas il-bilanc u l-ewwel flus li hadu kien minn kont fixed deposit li mmatura. Imbaghad kien hemm call in fuq kont iehor li kien plegg fuqu, izda l-flus ma ttiehdux minhabba l-problemi bejn il-partijiet.

Kien hemm zmien fejn donnu kienu ser jaslu ghall-ftehim, izda ma wasslux. Sadanittant, kien il-konvenut li kien ikkomunika mal-Bank u bdew il-process sabiex jaqta' mid-dejn. Kien hemm xi insurance policies li mmaturaw u gew imsarrfa u l-flus depozitati ghad-dejn ta' Uman Group Ltd. Dan kien ghall-habta ta' Lulju, 2019 u l-bilanc li kien hemm thallas fis-sena 2020.

Kien hemm ukoll tibdil fir-rati tal-imghaxijiet.

Ipprezenta ukoll l-minuti tal-laqghat tas-7 ta' April, 2016 u tad-19 ta' April, 2016 fejn attendiet l-attrici wahedha.[31]

[31] Dok. TX 30 – TX 31

Ipprezenta ukoll il-proceduri gudizzjarji li wasslu ghal-likwidazzjoni tal-polza.[32]

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza ta' HSBS Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizulta li kien hemm biss kont f'isem il-konvenut flimkien ma' terzi. Dan il-kont illum huwa maghluq.[33]

F'isem il-konvenut jirrizulta li kien hemm kont savings li llum inghalaq.[34]

Tikkonferma ukoll illi c-cekk bin-numru 11 mahrug minn Ustin Holdings Ltd fl-ammont ta' €50, 000 datat 9 ta' Lulju, 2015 inhareg mill-kont numru 078069200001. Ic-cekk kien pagabbli lil Uman Group Limited u gie nnegozjat mal-Bank of Valletta.

**Mark Vella** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Asset Management ikkonferma li ma kienx irrizultalu investimenti f'isem is-socjeta' Uman Group Ltd. F'isem il-partijiet konguntivament kien hemm kont li kien jismu Vilhena Malta Government Bond li kien fl-ammont ta' €2000 u matul iz-zmien kienu zdiedu €1000 ohra.[35] Imbaghad fl-2008, il-proceeds taghhom kienu gew trasferiti go fund iehor fis-16 ta' Lulju, 2008 f'isem il-konvenut. Dawn gew trasferiti go fund iehor li jismu Wignacourt GTB Aqua Energy Fund (EU). Dan il-fund kien immatura fil-5 ta' Awissu, 2014 u l-flus kienu marru fil-kont bankarju 40021336182 u dahlu fil-21 ta' Awissu, 2014 u l-ammont kien ta' €7,790.16. Dan il-kont huwa mizmum ml-Bank.

[32] Dok. TX 32
[33] Dok. AG 2
[34] Dok. AG1
[35] Dok. A 1

F’isem il-konvenut kien hemm ukoll kont jismu La Valette Euro Malta Money Fund (RTL) (MTL) u fis-sena 2012 kienu gew iddepositati €55,000 u xahar wara ngibdu u cioe’ fid-19 ta’ April, 2012 u l-ammont kien ta’ €55, 041.74 li thallas lill-konvenut.[36]

Fit-12 ta’ Frar, 2013 kien gie ddepositat l-ammont ta’ €30, 000 u fid-19 ta’ Frar, 2013 dawn ingibdu u kien hemm zieda fuqhom fl-ammont ta’ €6.15.[37]

**Dr. Victor Scerri**, in rapprezentanza ta’ Wasteserv Malta Ltd. Ikkonferma li kienu saru pagamenti mill-Wasteserv lill-konvenut jew socjetajiet fejn ghandu interess u dawn kienu jammontaw ghall- €140,780.12 li kienu jirrigwardaw diversi tenders jew kuntratti li huwa nghata mill-Wasteserv.[38]

Ipprezenta ukoll kopji tal-*acceptance of quotations* jew *purchase orders* ili l-Wasteserv hallset fuqhom lil Uman Group.[39]

**Dr. Franco Agius** in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Kuntratti jispjega illi d-Dipartiment jaghmel sejha ghall-offerti li l-ewwel kienu minn €120,000 ‘l fuq, liema ammont imbaghad tela’ ghall-€135, 000.

Jikkonferma ukoll li ma kinux gew ordnati tenders mill-konvenut jew mis-socjeta’ Uman Group Ltd.

Dwar il-kumpanija Allycabs Ltd ighid li din tefghet tlett tenders, filwaqt li kienet uriet interess fi tmien tenders.[40]

---

[36] Dok. B2
[37] Dok. B3
[38] Dok. VS 1
[39] Dok VS 2-VS 9
[40] Dok. FA1

Ighid ukoll li l-istess socjeta' kienet rebhet sejha wahda *provision of services for the disposal of water sludge in an environmental friendly manner from the Gozo Waste Treatment Plant of the Water Services Corporation.* Izid ighid li l-contracting authority kienet il-Water Services Corporation. Ir-referenza hija CT 2167/16.[41]

Izid ighid li mill-24 ta' Marzu, 2017 sallum ma jirrizultax li l-konvenut ha xi kuntratti mad-Dipartiment taghhom u lanqas Uman Group Ltd.

**Jonathan Scerri,** in rapprezentanza ta' Water Services Corporation fil-kapacita' tieghu bhala kap tal-Procurement division jikkonferma li l-Korporazzjoni kienet inghatat xoghol ta' gar u handling ta' *waste* u kiri ta' *skid steer loader* u pprezenta l-letters of acceptances.[42]

Ipprezenta ukoll statement of accounts tal-Uman Group Ltd u jista' jkun hemm xi kontijiet pendenti.[43] Meta jkun hemm kont li ma thallasx ighid li jkun hemm "minus" sign u meta tithallas hemm immarkat VP.

Ighid ukoll li l-i*skid steer loader* jipprovdih Uman Group.

**Miriam Sultana**, in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange kkonfermat li l-attrici qatt ma kellha stocks jew shares irregistrati f'isimha.[44]

Dwar il-konvenut tikkonferma li hemm kont f'ismu MSE 9759883, fejn illum il-bilanc huwa zero. Ipprezentat it-transaction u l-payment history rigward dan il-kont.[45] Izid tghid li fl-2012, four thousand and eight stocks u dawn gew mmergjati fl-istock l-iehor 4.3 MGS 2002 second issue,

[41] Dok. FA 2
[42] Doks. JS 1 – JS 5
[43] Dok. JS 6
[44] Dok. MSE 1
[45] Dok. MSE 2

imbaghad inbieghu fuq is-suq f'April, 2014 mill-BOV stockbrokers. Inbieghu bil-prezz ta' 1.1108 u kienu go kont bankarju. Ipprezentat dokumentazzjoni rigward fejn kienu qed jigu ddepositati l-interessi.[46]

Fuq Uman Group Ltd C 58449 ma jirrizultawx kontijiet.

Dwar il-kumpanija 2M Holdings Limited tghid li qatt ma kellhom kont miftuh.

**Karen Cremona,** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem il-konvenut hemm zewg vetturi registrati[47] u fil-passat kellu erba' vetturi rregistrati fuq ismu.[48]

Fuq l-attrici ma rrizultaw ebda vetturi.[49]

Fuq il-vettura IBZ 451 tghid li dina l-vettura hija rregistrata fuq Ustin Mangion u fl-20 ta' Ottubru, 2010 giet trasferita fuq Uman Group Limited, imbaghad giet trasferita lil NM.

Qabel dina l-istess vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni UST 005.[50]

**Dominic Zammit** ipprezenta ukoll l-FS 3 tas-sena 2014 u 2015 rispettivament ghal-perjodu li kien impjegat ma' Uman Group Ltd.[51] Ipprezenta ukoll l-FS3 tas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru, 2015.[52]

---

[46] Dok. SM1
[47] Dok. KC 1
[48] Dok. KC 2
[49] Dok. KC 3 A U B
[50] Dok. KC 1
[51] Dok. ZD 1 u ZD 2
[52] Dok. DZ 1

**CC**, impjegat part-time ma’ Uman Group Ltd ikkonferma li ilu jahdem ma’ dina s-socjeta’ minn Jannar 2018 bhala xufier. Jikkonferma li jithallas €5 fis-siegha u jipprezenta ukoll l-introjtu tieghu ghall-perjodu mill-15 ta’ Jannar, 2018 sas-6 ta’ Mejju, 2018.[53]

Jispjega li m’ghandux kuntratt ta’ xoghol u xogholu jikkonsisti li jmur igorr il-kaxex tal-waste mix-Xghajra ghal Maghtab. Izid ighid li jara lill-konvenut hemmhekk, izda ma jiltaqax ma’ nies hlief xi haddiema.

Jikkonferma li hemm tlett trakkijiet u skammel.

Anke jekkk l-iktar li jahdem huwa fil-weekend, xorta jithallas €5 is-siegha netti.

**MC,** ex impjegat ta’ Uman Group Ltd jistqarr li dam jahdem mas-socjeta’ ghal xahrejn minn Jannar 2018 bhala xufier sa Frar 2018.[54] Ir-rotta tieghu kienet mix-Xghajra ghal Maghtab. Kien jithallas €5 fil-gimgha gross. Jishaq li ma kellux kuntratt ta’ xoghol, izda kien jahdem skond l-esigenza.

Jikkonferma li t-trakk li kien isuq kien DAF CF u gielei ra xi xufier jew tnejn fil-barriera. Ighid li qatt ma ra familjari tal-konvenut u qatt ma rah jaghmel xi xoghol li kien jaghmel hu. Jikkonferma li kien jithallas cash.

---

[53] Doks. CC1 – CC4

[54] Doks. MC1 – MC 2

**CC**, impjegat ma' Uman Group Ltd beda jahdem f'Jannar 2018 u jahdem ftit sieghat kull meta jcempillu l-konvenut. Ipprezenta l-payslips minn Jannar sallum.[55]

Jikkonferma li kien jithallas cash u li kien jaghmel ir-rotta mix-Xghajra sal-Maghtab.

Ighid li gieli jkun hemm nies ohra fil-barriera, izda dejjem jara lill-konvenut u gieli ra lil missieru.

Bhala vetturi jghid li apparti tieghu hemm tnejn ohra, kif ukoll gaffa mkissra. Jinnega li hemm scammel u wiehed mit-trakkijiet huwa tal-iscammel.

Il-karta tal-mizien fl-ahhar tal-vjagg ighaddiha lill-konvenut. Ighid li jahdem bejn 12 u 15-il siegha fil-gimgha.

Jikkonferma li sar jaf lill-konvenut tramite l-fatt li hu jahdem mal-WasteServ full-time. Jistqarr ukoll li ma jarax familjari tal-konvenuta fil-barriera.

**JF**, impjegat ma' Uman Group Ltd ilu jahdem erba' snin full-time ghal erbghin siegha fil-gimgha. Il-hinijiet tax-xoghol jiftiehmu minn gurnata ghall-ohra.

Ir-rata tieghu kienet ukoll li jigbor it-trakk mill-barriera, ighabbi mix-Xghajra u jmur il-Maghtab u lura x-Xghajra. Ighid li kien hemm rotta ohra mill-Mellieha ghall-Maghtab.

---

55 Doks. KC1 sa KC 4

Ipprezenta l-FS3 ghas-sena 2017[56] u 6 payslips bejn l-20 ta' Novembru, 2017 sas-6 ta' Mejju, 2018.[57]

Jithallas €4.35 is-siegha u gieli jahdem fil-weekend ukoll.

L-impjegati l-ohra jahdmu full-time jew part-time. Qabel Jannar meta beda jahdem ma kienx jara haddiema. Il-konvenut kien jaghti daqqa t'id u anke missieru.

Jikkonferma ukoll li jircievi l-beneficcji ghall-bonus.

**Michael Seguna**, in rapprezentanza ta' Transport Malta (Merchant Shipping) ighid li l-konvenut kellu dghajsa MFC 1760 rregistrata maghhom bl-isem ta' Francesca u din kienet giet irregistrata fl-20 ta' Lulju, 2004 u giet ikkancellata fis-7 ta' Frar, 2017. Ipprezenta Transcipt of Register, Bill of Sale tad-dghajsa.[58] Jispjega li dina d-dghajsa fiha iktar minn 6 metri u ghalhekk hija registrata l-Belt u kienet registrata bhala fishing boat b'licenzja mill-fisheries u setghet tohrog mit-territorju ta' Malta.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li mir-ricerka li ghamel il-vettura Leyland bin-numru ta' registrazzjoni BAA 638 kienet irregistrata f'isem Salvatore Mangion fl-1 ta' Marzu, 1996 ghan-nom ta' Mangion Brothers Zurrieq Limited. Imbaghad, fl-14 ta' Awissu, 1997 giet trasferita fuq Joseph Mangion u fid-29 ta' Lulju, 2013, giet

---

[56] Dok. JF 1

[57] Doks. JF 2 – JF7

[58] Dok. MS 1 u MS2

trasferita fuq il-konvenut ghan-nom ta' Uman Group Ltd sakemm fis-27 ta Frar, 2018 giet trasferita fuq JM u ghadha hekk sallum.[59]

Ghamel ricerka fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni JBS 217 trakk tal-ghamla Dak Hookloader minn fejn jirrizulta li dina l-vettura kienet giet ittrasferita fuq il-konvenut ghan-nom ta' Uman Group Limited minn fuq PV, ghan-nom ta' Vella Transport Limited. Fis-6 ta' Ottubru, 2017 giet trasferita fuq Joseph Mangion u ghadha hekk irregistrata.[60]

Saret ukoll ir-ricerka fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni IBZ 451 tal-ghamla Toyota Yaris u kienet irregistrata fuq il-konvenut, imbaghad fl-1 ta' Ottubru, 2013 giet trasferita fuq Ustin Mangion ghan-nom ta' Uman Group Ltd u fis-7 ta' Lulju, 2017 giet trasferita fuq Naomi Mifsud u ghadha hekk sallum.[61]

Fuq il-vettura IBT 964 ukoll dina hija tat-tip hookloader u kienet irregistrata fuq il-konvenut ghan-nom ta' Uman Group Ltd fit-22 ta' Ottubru, 2014 u fil-11 ta' Ottubru, 2017 giet trasferita fuq Joseph Mangion.[62]

Fuq il-vettura JBS 216 ukoll hija vettura tal-ghamla hookloader. Fit-2 ta' April, 2013 kienet giet trasferita fuq il-konvenut ghan-nom ta' Uman Group Ltd minghand PV ghan-nom ta' Vella Transport Limited. Fit-2 ta' Novembru, 2017, dina l-istess vettura giet registrata fuq Joseph Mangion.[63]

**Daniel Briffa**, in rapprezentanza tad-Department of Fisheries and Acquaculture jispjega li mir-ricerka li ghamel fuq id-dghajsa bl-isem ta'

[59] Dok. SC1
[60] Dok. SC2
[61] Dok.SC3
[62] Dok. SC4
[63] Dok. SC 5

Francesca II bin-numru MFC 1760 irrizulta li dina d-dghajsa qiedgha rregistrata fuq certu Jesmond Mangion li joqghod iz-Zurrieq. Id-dghajsa hija mnizzla bhala non-operational, ghar-raguni li hemm hafna kontijiet pendenti fuq id-dghajsa ukoll. Hemm outstanding balance ta' €314.63 u dan ikopri l-licenzja tad-dghajsa mis-27 ta' Gunju, 2014 sas-26 ta' Gunju, 2019.[64]

Ighid ukoll li dina d-dghajsa hija non-operational peress li apparti li hemm arretrati fuq il-licenzja tat-tbahhir, bhala Dipartiment kienu talbu survey report tad-dghajsa biex jaraw l-istat u l-kundizzjoni taghha, kif ukoll is-safety taghha ukoll. S'issa dak ir-rapport kien ghadu ma giex u ghalhekk tinhareg licenzja non-operational.[65]

Biex tigi kkancellata registrazzjoni tad-dghajsa jkun jehtieg li koppja mizzewwga jmorru flimkien. Jekk huma sseparati jkollhom bzonn juru xi dokument legali in konferma ta' dan.

Ikkonfermat ukoll li l-arretrati tal-licenzja jkunu jridu jithallsu qabel ma tigi kkancellata.

**Jonathan Scerri**, in rapprezentanza ta' Water Services Corporation jahdem bhala procurement manager ipprezenta statements ta' Uman Group li fih l-invoices u l-payments li saru b'cekk. L-istatement huwa mis-sena 2015 sallum.

Tghid li jinkludi ukoll invoices li sar payment on account fuqhom li ghad iridu jigu entrati. Mill-ammont ta' €505, 607.90 irid jitnaqqas l-ammont ta' €418, 369.31 biex jirrizulta x'ghad trid tircievi l-kumpanija.[66]

---

[64] Doks. DB 1 – DB 5
[65] Dok. DB 6
[66] Dok. JS

**Marisa Gauci**, in rapprezentanza ta' Vodafone Malta, ghamlet ricerka fuq subscriber details u itemized bills ghan-numri 99990220 u 99593242 u gew esebiti.[67]

**Dr.Annalisa Debono,** in rapprezentanza ta' Mapfre MSV Life pprezentat poloz f'isem il-partijiet, dawk f'isem il-konvenut.[68]

Dawn il-poloz huma attivi, filwaqt li dawk f'isem il-partijiet u Dok. AD 4 huma assigned jew ippleggjati mal-Bank.

Dwar il-mod ta' pagament tghid li dan kien qed isir permezz ta' bank transfer u mhux standing order, hlief ghal dik il-polza taht Dok. AD 4.

Dwar il-kumpaniji Uman Group Ltd. Uman Holdings u 2M Holdings ma rrizulta xejn.

**PL. Quentin Tanti**, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji kkonferma li mir-ricerka li ghamel fuq il-konvenut u fuq is-socjetajiet Uman Group Limited u 2M Holdings Limited, jirrizulta li hemm registered documents kemm fuq 2M Holdings Limited (C-53241), kif ukoll f'isem Uman Group Ltd. (C58449).[69]

Fuq Uman Group Limited, ighid li l-konvenut huwa azzjonist rapprezentant u segretarju tal-kumpanija u fis-socjeta' 2M Holdings Limited huwa azzjonist, direttur u rapprezentant.

[67] Doks MG 1 – MG 3
[68] Doks AD 1 – AD4
[69] Dok. QT 1 – QT 3

**Paula Camilleri** in rapprezentanza ta' Identity Malta pprezentat ir-ricerka li ghamlet fuq il-konvenut, Allycabs Limited u Parts & Transport Limited.[1]

**AC** tghid li saret taf lill-partijiet meta kienet marret tahdem maghhom bhala waitress fir-ristorant La Nostra Padrona fl-2011. Tikkonferma li ilha f'relazzjoni mal-konvenut mill-2014 u llum tghix mieghu l-Imgarr u flimkien ghandhom tifel C li twieled fil-21 ta' Frar, 2019. Kienet iltaqghet mieghu wara xi sena u bdew jitkellmu u stiednitu biex imur maghha ghat-tieg ta' habiba taghha. Imbaghad bdew jiltaqghu u jiffrekwentaw lil xulxin u sa Gunju, 2014 kienu jafu fejn kienu sejrin bir-relazzjoni.

Tispjega li l-attrici ma riditx li t-tfal jiffrekwentawha fil-bidu, izda meta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' Kevin accettat li t-tfal ikunu prezenti.

Bhala xoghol tghid li tahdem bhala child carer l-Universita' u anke hija direttrici ta' kumpanija jisimha Allycabs Ltd sa mis-sena 2016. Hemm employer wiehed fil-kumpanija li huwa CM u tispjega li x-xoghol ta' dina l-kumpanija hija ta' sub-contracting transport ta' sludge. Tmexxi l-kumpanija wahedha.

Tghid li l-kapital biex bdiet dina l-kumpanija kien ta' €240.[2] Bhala socjeta' m'ghandhiex vetturi jew makkinarju. Tispjega li dina l-kumpanija kienet hadet tender u tatu lis-socjeta' Uman Group Ltd. Biex jahdimha u fejn ma jlahhqux jiehdu hsieb Ballut Blocks. Tippreciza li t-tender ittiehed minghand il-Water Services Corporation.

Tikkonferma ukoll li s-subcontracting kien sar fl-2017 u kienu miftehmin minn qabel ma ttenderjaw. Il-hlasijiet jikkonsistu f'xi €174 kull vjagg minn Ghawdex u ghal Malta ghandhom rata ta' €75 jew €90 jew €40 u minnha tithallas il-ferry u €58 kull vjagg. Huwa jircievu l-invoice minghand Uman Group Ltd u s-socjeta' Allycabs tibghat l-invoice lill-Korporazzjoni.[3]

Tikkonferma li l-varjazzjoni fil-mod ta' pagament kien jiddependi fuq li titlob Uman Group Ltd.

Tikkonferma ukoll li kienet ghaddiet il-linja bin-numru 99990220 lil missier il-konvenut li jiggestixxi s-socjeta' Parts & Transport Ltd.

[1] Doks. PC1 – PC 3

[2] Doks. AC1 – AC 2

[3] Doks. AC3 – AC 6

**Reuben Bonnici,** in rapprezentanza ta' ARMS Limited pprezenta r-readings tad-dawl in konnessjoni ma' 17, Niagra Falls, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq. [70]

Kien hemm anke tibdil fil-meter tal-ilma.[71]

**MANTENIMENT**

**Raymond Mangion,** manager fir-Registrar Office, MCast ipprezenta l-applikazzjoni ta' SM sabiex tattendi l-MCast, fejn tattendi l-kors ta' aircraft maintenance. Kienet irrizenjat u applikat immedjatament mill-gdid.[72]

**Joseph Saliba,** in rapprezentanza tal-JobsPlus ipprezenta l-employment, registration kif ukoll is-submission history tal-attrici.[73]

[70] Dok. RB 4
[71] Dok. RB 5
[72] Doks. RM1 – RM 3
[73] Dok. SJ 1 – SJ3

Ipprezenta ukoll l-employment history tal-konvenut, kif ukoll dak tal-attrici.[74]

Ipprezenta ukoll l-employment history ta' CM ma' Uman Group ghall-perjodu bejn l-5 ta' Awissu, 2013 sas-7 ta' April, 2018.[75]

Ipprezenta ukoll il-lista ta' impjegati ta' Uman Group.[76]

Dwar l-attrici jikkonferma li qed tirregistra ghax-xoghol part-time u dan ilu miftuh mis-27 ta' Frar, 2018.

**Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-konvenut qatt ma rcieva beneficcji socjali minghand id-Dipartiment tul dawn l-ahhar hmistax-il sena.

Dwar l-attrici jikkonferma li tircievi childrens allowance mis-sena 2008 sallum,[77] kif ukoll tircievi relief u ilha tircevih mill-25 ta' Ottubru, 2014 sallum. Ir-rati huma fil-gimgha.[78]Ipprezenta l-beneficcji li rceviet l-attrici sa mill-1 ta' Jannar, 2014.[79]

Ighid li l-attrici ma hallset ebda kontribuzzjonijiet.[80] Jirrizulta li l-attrici ghandha xi pendenzi[81] u dan minhabba li kien hemm xi flus f'isimha mhux iddikjarati u ghalhekk ma kinitx intitolata ghas-social assistance u

[74] Doks. JS1 u JS 2
[7575] Dok.JS 3

[76] Dok. JS 4
[77] Dok. ST 1
[78]Dok. ST 2
[79] Dok. DSS1
[80] Dok. DSS 2
[81] Dok. DSS 3

children's allowance f'rata differenti. Dan sehh wara li sar rapport. Hemm zewg appelli da parti tal-attrici, li sakemm kien qed jixhed ma kinux appuntati.  L_ammont biex ma tikkwalifikax ghar-relief huwa ta' madwar €14, 000 u huwa l-obbligu tal-individwu li jinforma d-Dipartiment.

Jispjega li r-relief jinghata ghax ma hemmx dhul u t-tfal joqoghodu mal-attrici. Bhala dipartiment ma jivverifikawx jekk l-attrici ppruvatx tahdem u ma jibghatuhiex tirregistra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

Il-partijiet rispettivament qed jitolbu dina s-separazzjoni u jattribwixxu l-htija lil xulxin. L-attrici tinsisti li l-konvenut abbanduna lill-familja meta telaq mid-dar u dan minhabba li kien f'relazzjoni adultera meta kienu ghadhom ighixu flimkien.

L-attrici ukoll tattribwilu s-sevizzi u eccessi, mohqrija, minacci u ngurji gravi.

Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut huwa iktar generiku in kwantu jirrigwarda l-estremi li jattribwixxi lill-attrici li wasluhom ghas-separazzjoni.

**Sevizzi/Eccessi**

Il-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Awissu, 2000 u kienu ddecidew li jizzewwgu wara li kellhom lit-tifla Shakira u xtaqu jrabbuha f'familja. Il-konvenut trabba biex ikun habbrieki hafna peress li l-familja kellhom

barriera u bl-ghajnuna ta' missieru kien anke jahdem ghar-rasu bit-trakk. Ghalhekk kellu introjtu tajjeb li ppermettilu jghajjex lill-familja tieghu b'mod li ma kien jonqoshom xejn u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-attrici tahdem, ghalkemm kien hemm mumenti fejnipprova jheggigha biex tibda tahdem, izda dejjem ippreferit toqghod id-dar.

Mir-rizultanzi processwali, il-konvenut jilmenta li l-problemi fiz-zwieg bdew l-iktar wara li mietet omm l-attrici u wara r-ragel t'oht l-attrici Margaret. Minhabba f'hekk kemm missierha u anke ohtha kienu jkunu hafna ghandhom. Mhux kontestat li M damet xi xahrejn tghix maghhom, izda dina tal-ahhar tammetti li ma kinitx tkun hemm il-gurnata shiha ghax kienet tqatta' l-hin ma' missierha ukoll.

Il-konvenut hass li wara gurnata twila kien jixtieq imur lura d-dar u jqatta' hin mal-familja u ma' martu, izda minflok kien jispicca jkollu jerga' johrog ghax ma setghux jikkomunikaw. Ighid li kien ghalhekk li xtara dghajsa sabiex setghu jkunu wahedhom bhala familja, izda ghamlu dan ghal xi zmien u spicca kellu jbieghha ghaliex l-attrici ma kinitx tiehu pjacir tmur. Dan huwa kkonfermat mill-attrici.

L-attrici taghti verzjoni kontrastanti ghal dak li jirrigwarda l-konvenut u tinsisti li kien baqa' johrog wahdu nhar ta' Gimgha, anzi kienet rutina. Il-kugina tal-konvenut MA tghid li l-konvenut kien ammetta maghha li jiehu qata' jmur id-dar minhabba li kien idejjqu l-istorbju tat-tfal.

L-attrici effettivament ilmentat ukoll li prattikament kienet rabbiet it-tfal wahedha peress li l-konvenut kien idum ix-xoghol, specjalment meta kienet bdew jiggestixxu r-ristorant. Gieli kienet tinzel sa hdejh, izda kien jiddejjaq minhabba li t-tfal mhux dejjem kienu joqoghdu.

Il-konvenut jaghti verzjoni ohra in kwantu jirrigwarda l-problemi li affaccaw fiz-zwieg. Xehed li l-attrici kienet tohrog hafna ma' hutha u

kienet tirritorna d-dar tard u tibda l-faccendi jew it-tisjir ghal xi 7 pm, meta kien ikun id-dar u jkun irid jiekol. Dina l-verzjoni hija kkonfermata mill-genituri tal-konvenut. Kienet anke zzomm id-dar traskurata.

Minn dawn il-provi dina l-Qorti tista' tiddeduci li kien hemm sevizzi u eccessi kommessi mill-partijiet rispettivament fil-konfront ta' xulxin.

**Adulterju**

L-assjem tal-provi ma jhalli ebda dubbju li kien hemm adulterju kommess mill-partijiet rispettivament u dan fuq ammissjoni taghhom stess.

**L-adulterju tal-konvenut**

Il-konvenut ma jinnegax li beda relazzjoni ma'  AC  ghall-habta ta' April, 2014 u kien telaq mid-dar fit-13 ta' Jannar, 2014. A kienet tahdem maghhom bhala waitress fir-ristorant La Nostra Padrona li kienu jiggestixxu. L-attrici trid tikkonvinci lil dina l-Qorti li r-relazzjoni bdiet qabel il-konvenut telaq mid-dar. Pero' hlief li semmiet li kien hemm xi okkazjoni li l-konvenut iltaqa' maghha u hadu kafe' flimkien, ma gabet ebda prova konkreta ohra. Anzi, pjuttost ikkorroborrat il-verzjoni tal-konvenut meta qal li nforma lill-attrici li kien ser jakkompanja lil Alison ghall-tieg ghax kien beda jiffrekwentaha u dan kien wara li telaq mid-dar. Il-partijiet ikomplu jaqblu meta jsemmu li l-attrici kienet talbitu biex ma jlaqqhix mat-tfal u kien sar hekk sakemm l-attrici bdiet tohrog ma'  KC Dina l-verzjoni tirrizulta kredibbli u veritiera meta anke l-istess A tikkonfermaha u anzi tinsisti li kienet ltaqghet mal-konvenut xi sena wara li l-ahhar li raw lil xulxin.

Anke jekk fi zmien erba' xhur minn mindu l-konvenut telaq mid-dar, kien diga' beda relazzjoni ma' A sadanittant kien ghadu jmur id-dar u jiekol mal-familja u kien hemm ukoll tentattivi ghall-counselling. Dan jaghti x'jifhem li l-indizji u l-prezunzjonijiet sa April, 2014 kienu li ma kienx ghad hemm relazzjoni bejn il-konvenut u A.

**<u>L-adulterju tal-attrici</u>**

Dwar l-adulterju tal-attrici, il-Qorti tinnota li l-attrici ma kinitx komda tammetti li llum KC mhuwiex biss "habib" izda huwa s-sieheb taghha, meta l-istess K ma kellu ebda problema ta' xejn biex jikkonferma li bejniethom tezisti relazzjoni u li din bdiet wara li kien telaq il-konvenut mid-dar. Fil-fatt, kemm l-attrici kif ukoll C jsemmu li r-relazzjoni bdiet ghall-habta tas-sena 2014/2015.

Mhux ikkontestat li l-attrici u K kienu ilhom jafu lil xulxin minn zmien il-primarja u li eventwalment kienu bdew jiltaqghu meta l-attrici kienet tiehu lil S ghat-training tal-football. Il-konvenut jinsisti li mhux minnu li r-relazzjoni bdiet wara li telaq mid-dar, izda kienet ilha ghaddejja, specjalment peress li l-attrici kienet tevitah intimament u kienet tohrog hafna bin-nhar u ma kienx ikun jaf fejn qiedgha, izda kienet tinqeda b'ohtha biex tghatti. Dina l-verzjoni ma gietx ikkorroborata bl-ebda mod. Mhux qed jigi negat li forsi l-attrici u C kienu jiltaqghu waqt it-training tat-tifla, izda ma hemmx indikazzjoni li dina r-relazzjoni bdiet f'xi hin qabel ma telaq il-konvenut mid-dar matrimonjali. Anzi l-familjari tal-konvenut ilkoll jikkonfermaw li kienu ltaqghu ma' C zmien wara li kien telaq il-konvenut.

Ghalhekk, wara li evaluwat il-provi, indubbjament jista' jigi konkluz li l-partijiet ikkomettew adulterju waqt li kienu mizzewwgin, izda l-istess adulterju ma kienx il-kagun tas-separazzjoni, izda konsegwenza ta' sevizzi u eccessi li gew kommessi rispettivament fil-konfront ta' xulxin.

**Abbandun**

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"**

L-attrici tallega li kien hemm abbandun da parti tal-konvenut pero' dan jirrikjedi li l-parti titlaq mid-dar, minghajr raguni gustifikabbli u jridu jghaddu sentejn mid-data tat-tluq. Il-konvenut kien ried jitlaq biex jara xi jrid u sadanittant kien kompla jiffrekwenta d-dar, jiekol mal-familja u sahanistra kien imur ghal counselling mal-attrici, sakemm iddecieda li ma hemmx tant.

Fid-dawl ta' dan kollu ma jirrizultax li kien hemm abbandun da parti tal-konvenut.

**KURA U KUSTODJA**

Miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal S , illum maggorenni u A li ghandha tlettax-il sena.

Minn meta l-konvenut abbanduna lill-familja tieghu, ir-relazzjoni tat-tfal mal-konvenut ma kinitx wahda mill-ahjar. S kellha rabja kbira, filwaqt li A kien ikollha *panic attacks*. Illum il-gurnata r-relazzjoni bejniethom immeljorat.

Kien hemm akkuzi li S kienet irrabbjata mal-konvenut peress li kien hadilha l-flus li kellha mgemmghin il-Bank u dan peress li kienu gew ippleggjati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-djun li kellu. Il-konvenut jinsisti li pprova jevita li jittiehdu dawn il-flus, izda l-Qorti kienet ordnat li dawn il-flejjes jittiehdu mill-Bank.

Pero' l-konvenut ighid li biex jaghmel tajjeb hallas il-kors li riedet tattendi Shakira. Illum ir-relazzjoni ma' missierha hija wahda ahjar u tiffrekwentah, minkejja li ghandha hafna impenji taghha.

Dwar A jirrizulta li ghalkemm tmur ghand missierha, ikollha mumenti taghha meta tiddejjaq ghaliex igieghlha torqod fuq saqqu, A tindahal u ma jhalluhiex tiehu r-rigali jew il-hwejjeg li jixtrulha. Ciononostante, jirrizulta li llum ukoll ir-relazzjoni taghha mal-konvenut hija ferm ahjar.

Hemm zewg rapporti tal-avukat tat-tfal, li kien gie nkarigat mill-Qorti fuq allegazzjonijiet li t-tfal qed ibatu fil-kura u kustodja tal-attrici. Iz-zewg rapporti cahdu dawn l-allegazzjonijiet u kkonfermaw li t-tfal kuntenti, m'ommhom.

Il-konvenut mhux qed jinsisti li jiehu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri A , pero' jixtieq li semmai tkun kongunta. Dina l-Qorti tirrileva li l-minuri hija close mal-attrici u anke jekk izur lil missierha mhix dejjem tkun kuntenta.

Ghalhekk dina l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Avukat tat-Tfal, li l-kura u kustodja ghandha tibqa' esklussiva ghall-attrici.

**<u>Access</u>**

Dwar l-access, jirrizulta li kien hareg digriet fil-21 ta' Frar, 2017 fejn l-access tal-konvenut ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn is-6.00 pm sat-8 pm u b'mod alternat mis-Sibt fil-5.00 pm sal-Hadd fil-5.00 pm u l-gimgha ta' wara mill-Hadd fis-2.30 pm sas-6.30 pm. Dan id-digriet hafna drabi l-partijiet jaqblu jigi segwit u gieli le. Ghalhekk it-tifla A ghandha rutina li ssegwi, minkejja li l-partijiet gieli jaqblu li jvarjaw id-digriet. Tezisti l-flessibilita' in kwantu jirrigwarda l-access u jkun dnub jekk dina l-Qorti tintervjeni u tbiddlu.

Ghalhekk ikun opportun li l-access jibqa' jigi ezercitat kif ordnat mill-Qorti, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor.

**<u>MANTENIMENT</u>**

**<u>S ;</u>**

Il-Qorti mhix ser tiehu in konsiderazzjoni l-ebda manteniment ghal S stante li din illum ghalqet 23 sena u ghalhekk m'hemmx iktar lok ghall-decizjoni f'dan is-sens.

**<u>Ghall-minuri A ;</u>**

Prezentement, hemm qbil li l-konvenut qed ighaddi mitejn euros (€200) lill-attrici ghall-minuri A. Skond l-attrici l-konvenut ma kienx ihallas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Il-verzjoni tal-konvenut hija kontrastanti ma' dik tal-attrici stante li nsisti li hu qatt ma naqas milli jhallas il-manteniment ghat-tfal.

Madanakollu, diversi xhieda li resqet l-attrici, inkluz il-kugini tal-konvenut, ilkoll ikkonfermaw li l-konvenut ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus u wara li telaq mid-dar lanqas ried ighin sabiex tinxtara l-libsa tal-precett tal-minuri A u lanqas sabiex jixtri karozza lil S.

Fil-mori tal-proceduri, pero' ma jirrizultax li l-attrici hadet xi passi sabiex tvarja l-manteniment li kien qed ihallas il-konvenut ghal A. Fis-sottomissjonijiet taghha qed titlob li dan l-ammont jigi varjat ghal €350 fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-Artikolu 20 tal-Kodici Civili l-manteniment ghall-minuri jikkontempla l-mod kif ghandu jigi kkalkolat il-manteniment u primarjament isir fuq bazi

ta' proporzjonalita' ***"il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih."*** F'dan il-kaz il-bzonnijiet huma tal-minuri A li ghandha tlettax-il sena u ghalhekk ghadha tattendi l-iskola u bhal studenta ohra tirrikjedi l-ispejjes taghha, inkluz dawk extra-kurrikulari.

Il-mezzi tal-konvenut mhumiex nieqsin ghaliex mir-rizultanzi processwali jirrizulta li dejjem kien benestant u kienu jghixu komdi. Jiggestixxi s-socjeta' Uman Group Limited fejn ha diversi tenders ta' ammonti sostanzjali. Ikkonferma ukoll li llum ukoll huwa impjegat ma' bhala Project Manager u ghandu paga ta' circa €1, 500 gross.

Il-Qorti ukoll hija konvinta ukoll li l-konvenut tramite s-siehba tieghu A jiggestixxi s-socjeta' Allycabs Ltd u dan sabiex appositament inaqqas l-introjtu tieghu sabiex l-attrici ma jkollix fuq xiex titallab zieda fil-manteniment.

Ghaldaqstant, hemm ragunijiet sufficjenti li jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-manteniment ghall-minuri A ghandhu jizdied ghal €350 fix-xahar, kif ukoll il-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq 18-il sena, jew sakemm tibda tahdem jew sal-eta' ta' 23 sena jekk tkompli tistudja fuq bazi full-time.

## MANTENIMENT TAL-ATTRICI

L-attrici qed tinsisti li l-konvenut ihallasha manteniment fis-somma ta' €400 fix-xahar u dan stante li m'ghandhiex htija ghas-separazzjoni. Fix-xhieda taghha tinsisti li kien il-konvenut li qabad u abbanduna l-familja

ghall-mara ohra u ghalhekk m'ghandhiex tbati hi, partikolarment meta dejjem ippruvat issalva z-zwieg.

L-attrici tishaq ukoll li l-kapacita' lavorattiva taghha hija limitata peress li llum kibret u qatt ma hadmet barra mid-dar u ghalhekk ser ikun difficli ghaliha sabiex issib impjieg.

Hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet, ghaliex l-attrici tghid li kemm il-darba kienet offriet lill-konvenut sabiex tmur tahdem fir-ristorant u baqa' jinsisti li ma ridhiex. Kienet biss tinzel filghodu biex tghodd il-qliegh tal-lejl ta' qabel. Mentri, il-konvenut jinsisti li kemm il-darba kien hajjarha sabiex tibda tahdem u kienet anke kkwalifikata bhala hairdresser. Kien anke dispost li jifthilha childcare meta l-Gvern kien qed joffri li jghin finanzjarjament, izda ma kinitx imhajjra.

Mill-provi prodotti, jirrizulta li l-attrici kemm il-darba kienet tinzel tghin lis-sieheb taghha K C fil-bar tal-kazinijiet li kien imexxi u kienet anke ddum filghaxijiet u zzomm it-tifla minuri A maghha.

Ghalkemm l-attrici stess tammetti li qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni, il-konvenut kien ighaddilha €400 ghaliha u €400 ghat-tfal minuri, madanakollu, wara li nfethu l-proceduri ma jirrizultax li l-attrici baqghet tinsisti ghall-manteniment u minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi digriet f'dan is-sens.

Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-attrici tirciev l-beneficcji socjali u ilha tircevihom sa mis-sena 2014. Jirrizulta ukoll li kien hemm xi rapport li l-attrici kellha xi flus

li kienu jirrikjedu li taghti rifuzjoni lid-Dipartiment u fuq dina l-kwistjoni kien hemm proceduri pendenti.

Jirrizulta ghalhekk li l-attrici ghandha xi flus li ppruvat tahbi mid-Dipartiment ikkoncernat ghalkemm ghadha mhux kwistjoni ffinalizzata. Jista' jaghti l-kaz li dawn gejjin mill-wirt ta' missierha kif jallega l-konvenut, izda ma tressqux provi f'dan is-sens.

Li jgieghel lil Qorti jahseb huwa l-fatt li l-attrici, tul il-mori tal-kawza qatt ma hasset il-htiega li titlob il-manteniment, anke pendente lite. Ghazlet minflok li tghix mill-beneficcji socjali u l-manteniment li jaghtiha l-konvenut ghat-tifla minuri llum.

Tenut kont tal-fatt li t-tfal tal-partijiet kibru, li mhux daqshekk difficli ghall-attrici li tohrog tahdem imqar part-time, peress li t-tifla minuri ghad ghandha erbatax-il sena u ghalhekk ghandha l-bzonnijiet taghha ukoll. Inoltre ukoll il-Qorti hija konvinta, anke jekk illum ghandha l-eta' taghha, xi tip ta' impjieg zgur kapaci ssib u tahdmu. Ghalhekk, ikkunsidrat dan kollu, il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' €200 fix-xahar u dan sakemm fi zmien sena millum ghandha ssib impjieg.

**<u>DEKADENZA</u>**

L-Artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandu applikazzjoni tassativa fil-kazijiet ta' adulterju.

Ghalkemm gie stabbilit illi l-adulterju ma kienx il-kagun primarju tas-separazzjoni, sehh minn entrambi l-partijiet u ghaldaqstant jirrikjedi l-applikabbilta' tal-fuq imsemmija disposizzjoni tal-ligi.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi jirrizulta li meta l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg ta' bejniethom ma dahlu fl-ebda ftehim bejniethom rigward ir-regim li kellu jmexxi z-zwieg ta' bejniethom u ghalhekk applikat *de jure* bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. Imbaghad b'sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2018 sehh ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-punt tat-tluq fl-ezami li trid taghmel dina l-Qorti hija dwar l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti sa meta giet xolta.

**2M Holdings Limited C 53241**

Fiz-zwieg il-partijiet kienu ffurmaw is-socjeta' 2M Holdings Limited ma' KM u martu ghal Triglav Holdings Limited, li kien l-awditur tal-konvenut. Il-partijiet jiddetjenu f'nofs indiviz u l-istess socjeta' hija proprjetarja ta' nofs appartament akkwistat mill-partijiet fis-17 ta' April, 2012 fi Sliema Road, Gzira.

Skond l-attrici, mill-accounts ma jirrizultax li l-kumpanija ghamlet xi profitt, ghajr ghall-kirijiet tal-appartament li jikkonsistu fis-segwenti:-

i) Sebat elef u mitejn Euros (€7, 200) – kuntratt ta' kirja 5/6/2013;
ii) Sebat elef, hames mija u sittin Euros (€7, 560) – ara kuntratt ta' kirja 5/6/2013;
iii) €11, 400 – kuntratt ta' kirja 14/9/2016.

Il-konvenut jippreciza illi dina l-kumpanija ghandha iktar dejn milli qliegh peress li akkwistat l-appartament il-Gzira.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenut u cioe' li l-appartament huwa proprjeta' tal-kumpanija u mhux tal-komunjoni u l-istess dejn gravanti l-akkwist tal-appartament huwa tal-istess socjeta' u ghaldaqstant anke l-istess kirijiet. Ghaldaqstant, ma treggix il-pretenzjoni tal-attrici li tircievi kwart tal-kirijiet li dahlet il-kumpanija.

Jibqa' ghalhekk sehem l-attrici minn nofs is-600 sehem ordinarju fil-kumpanija 2M Holdings Limited u cioe' 300 sehem ordinarju li ghandhom jibqghu taghha.

**KONTIJIET BANKARJI**

Illi tul il-komunjoni l-partijiet kellhom diversi kontjiet bankarji separati jew kongunti. Jirrizulta li dawn kienu mal-Bank of Valletta plc. Hemm diversi kontijiet li llum jinstabu maghluqa, diversi djun li nqatghu u peress li fil-mori tal-kawza ghaddew diversi snin, ikun opportun li dawn il-kontijiet bankarji jibqhu assenjati lil kull parti li f'isimha l-istess kont huwa miftuh.[82]

**Poloz ta' Assikurazzjoni**

Mir-rizultanzi processwali kien hemm is-segwenti poloz ta' assikurazzjoni li kienu ppleggjati mal-Bank of Valletta plc minhabba d-djun li l-partijiet kellhom mal-istess Bank:-

- Policy No. FP 46933
- Policy No. FP 469689

[82] Ara fols. 25 – 29 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-attrici.

- Policy No. FP 485960
- Policy No. FP479125/30020521[83]

Tony Xuereb in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonferma li l-poloz gew likwidati sabiex jithallas id-dejn mal-Bank.

Dwar il-polza FP 479125 l-attrici qed titlob li tiehu nofs is-surrender value pero' jirrizulta li dina l-polza ma kinitx polza ta' investiment izda polza biex taghmel tajjeb ghar-riskju li l-partijiet jigu neqsin qabel ma jithallas id-dejn tal-bank. Malli thallas id-dejn spiccat ukoll il-polza minghajr surrender value. Ghalhekk it-talba attrici ma treggix.

**Investimenti ohra**

Mix-xhieda ta' Mark Vella, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Asset Management jirrizulta li l-partijiet kellhom kont mal-BOV Asset Management, Vilhena Malta Govt Bond Fund numru 29234 sat-18 ta' Jannar, 2017 u kellu valur ta' €7, 799.18.[84]

Dawn gew trasferiti go fund iehor li jismu Wignacourt GTB Aqua Energy Fund (EU). Dan il-fund kien immatura fil-5 ta' Awissu, 2014 u l-flus kienu marru fil-kont bankarju 40021336182 u dahlu fil-21 ta' Awissu, 2014 u l-ammont kien ta' €7,790.16. Dan il-kont huwa mizmum ml-Bank.

F'isem il-konvenut kien hemm ukoll kont jismu La Valette Euro Malta Money Fund (RTL) (MTL). Fit-12 ta' Frar, 2013 kien gie ddepositat l-

[83] Ara fols. 29/30 tan-nota tas-sottomissjoniet tal-attrici
[84] Fol. 118

ammont ta' €30,000 u fid-19 ta' Frar, 2013 dawn ingibdu u kien hemm zieda fuqhom fl-ammont ta' €6.15.[85]

Il-konvenut jikkontendi li dawn l-ammonti diga' gew likwidati bl-assenjazzjoni tal-kontijiet bankarji, pero' dina l-Qorti ma taqbilx u dan stante li mix-xhieda surriferita u l-provi mressqa, jirrizulta li l-dawn l-investimenti gew trasferiti f'isem il-konvenut u ghalhekk ma jirrizultax li l-attrici gawdiet minnhom. Ghaldaqstant, dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

**<u>Malta Stock Exchange</u>**

Mill-provi jirrizulta li kien hemm investiment mal-Malta Stock Exchange b'valur nominali ta' €4, 800 li gie likwidat fid-9 ta' April, 2014 u r-rikavat gie depozitat f'kont bankarju tal-konvenut.

Kif diga' gie rilevat, dan l-investiment ma jistax jigi assenjat lill-konvenut semplicement ghaliex gie trasferit f'kont bankarju tieghu u dina l-Qorti assenjat dawn il-kontijiet lill-partijiet rispettivament skond lil min jappartjenu. Nofs l-ammont ta' dan l-investiment u cioe' €2, 800 ghandu jigi assenjat lill-attrici.

**<u>Flus f'isem il-minuri</u>**

Mhux ikkontestat mill-partijiet li kien hemm zewg kontijiet bankarji f'isem uliedhom li kienu gew ippleggjati u kienu ntuzaw sabiex thallas id-dejn li kellhom mal-Bank.

Kien hemm zewg kontijiet mal-Bank of Valletta plc li huma s-segwenti:-

[85] Dok. B3

i) Kont numru 40012532953 li nghalaq fit-18 ta' Jannar, 2012 wara li ngibed l-ammont ta' €7, 082.87[86];

ii) Kont numru 40019335742 li nghalaq fid-9 ta' Frar, 2015 wara li ngibed l-ammont ta' €1, 143.38;[87]

Il-konvenut ma joggezzjonax li dawn il-flejjes ghandhom jigu ritornati lit-tfal pero' jinsisti li dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

Huwa minnu li l-attrici kienet konsapevoli li dawn il-kontijiet kienu gew ippleggjati, izda meta ntuzaw sabiex jithallas id-dejn, dak iz-zmien ma kinitx tahdem u ghalhekk ma kellhiex minn fejn sabiex thallas lura dawn l-ammonti, izda kien il-konvenut li kellu l-mezzi.

Tenut kont ta' dan huwa l-istess konvenut li ghandu jassenja lura dawn l-ammonti lil uliedu. Fil-kaz ta' A  peress li ghadha minuri, l-ammont ghandu jitpogga f'kont f'isem l-attrici ghan-nom tal-minuri li ghandha tibqa' tamministrahulha sakemm issir maggorenni.

**<u>Safety deposit box</u>**

Mhux ikkontestat li l-partijiet konguntivament kellhom safe deposit locker bejn l-2007 u l-2014 u dan gie kancellat peress li kienu ttiehdu l-affarijiet li kienu jinstabu f'dan il-locker. L-attrici tinsisti li kien il-konvenut li kien ha dak li kien hemm fil-locker peress li kellu uzu esklussiv tal-istess. Fuq dan il-locker ma gietx epprezentata iktar informazzjoni.

Jirrizulta li fis-7 ta' April, 2014, il-konvenut kien fetah *safety deposit box* iehor f'ismu u f'dan iz-zmien kien diga' telaq mid-dar matrimonjali, ghalkemm ma

[86] Dok. JB 15
[87] Dok. JB 17

kienitx ghadha giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-partijiet rispettivament ghandhom htija ghal dina s-separazzjoni, l-istess safety deposit biss ghandu jibqa' tal-konvenut.

**Kontijiet ma' Terzi**

Il-Qorti ser tindika biss li kienu jezistu kontijiet ma' terzi u dan peress li jirrizulta li fil-maggorparti dawn thallsu. Skond Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Kien hemm erba' kontijiet ma' terzi li huma s-segwenti:-

i) Current account numru 40013410812 u l-kont jismu P F u U M li huwa bblukkjat u ghandu biss bilanc ta' €11;[88]
ii) Overdraft account numru 40019649878 li kien jismu Messrs M and Z account La Nostra Padrona u dan thallas;[89]
iii) Business Loan Account bl-isem Messrs M and Z account number 19649962 u dan thallas;[90]
iv) Savings account numru 40019359668 huwa bblukkjat u ghandu bilanc ta' €240 u l-kont jismu UM u GZ;[91]
v) Dwar il-business Overdraft Account numru 40020564405 jirrizulta li dan thallas ukoll.[92]

[88] Dok. JB 32
[89] Dok. JB 33
[90] Dok. JB 34
[91] Dok. JB 35
[92] Dok JB 36

Jirrizulta ukoll mill-provi prodotti li kien hemm kont iehor ma' terzi mal-HSBC Bank Malta plc. Bin-numru 047044326001 li llum jinstab maghluq.[93]

Ghalkemm jirrizulta li dawn il-kontijiet illum huma saldati, jekk kemm il-darba jirrizulta li ghad hemm xi pendenzi, dawn ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Dwar Uman Group Limited C 58449**

Il-kumpanija Uman Group twaqqfet fiz-zwieg fis-sena 2012, fiz-zmien meta l-partijiet ma kinux sejrin tajjeb bir-ristorant. Il-konvenut ghandu registrat fuq ismu 1200 sehem ordinarju f'din il-kumpanija li twaqqfet bl-iskop li jibda intrapriza kummercjali ta' garr ta' materjali ghar-rimi bit-trakkijiet.

Biex twaqqfet dina l-kumpanija kien jehtieg li jittiehed self mill-Bank sabiex jintraw it-trakkijiet u l-makkinarju mehtieg. Huwa kkonfermat li sabiex taghmel tajjeb ghal dan is-self, il-kumpanija ghamlet tajjeb hi u l-konvenut ghamel tajjeb bid-dar taz-zwieg li hija parafernali tieghu u flimkien, il-partijiet iggarantew il-hlas lura bid-depoziti bankarji u l-investimenti b'poloz ta' assikurazzjoni li kellhom dakinhar.

Fl-2016, il-Bank kien sejjah lill-partijiet biex tinstab soluzzjoni minhabba d-dejn li dak iz-zmien kien ilahhaq l-ammont ta' €363, 047.18. Hemm qbil bejn il-partijiet li bil-poloz li kienu mmaturaw kienu hallsu lill-Bank u fil-fehma tal-attrici dawn biss intuzaw sabiex jigi saldat id-dejn, mentri effettivament kull qliegh li Uman Group Ltd kienet tircievi baqa' ghand il-konvenut.

Marbutin mal-business overdrafts u business loans kien hemm is-segwenti poloz ippleggjati u liema dejn thallas:-

- Pledge on term deposit Bov 40020260314 - €25, 000

[93] Dok. AG 2

- Wignacourt Fund 153289 (VFM) – Value of Security €7, 554.11
- Policy MSV P5200 2105-12- Joint fuq isem il-partijiet
- Policy MSV FP 469689 – Joint fuq isem il-partijiet
- Policy MSV FP 479125 – Joint fuq l-intimat
- Policy MSV PP 5469433 – Joint fuq isem il-partijiet

Kif ammetta l-konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu "*Ix-xoghol tal-kumpanija kien jikkonsisti filli tikkompeti ghall-kuntratti pubblici mal-Water Services Corporation u l-WasteServ ghall-gar ta' materjali u sludge.*

L-attrici pproduciet ir-rapprezentanti kemm tal-Water Services Corporation, kif ukoll tal-WasteServ li taw l-informazzjoni dwar it-tenders li nghataw lill-socjeta' Uman Group Ltd. Li huma s-segwenti:-

**WasteServ**

- Il-pagament totali tat-tenders u kuntratti li nghataw kienu jammontaw ghall- €140, 780.12[94]

**Water Services Corporation**

Kien hemm zewg approvals fl-2014 u l-2015 mid-Dipartiment tal-Kuntratti bejn l-Water Services Corporation, kif ukoll is-socjeta' Uman Group Ltd. Ghal Temporary Waster Handling Services for the South Sewage Treatment Plant and North Sewage Treatment Plant u l-ammont kien ghal €210, 000, inkluz Vat ghal hames xhur.

Kien hemm ukoll ghall-perjodu bejn Lulju u Dicembru, 2015 approval ohra ghall-istess affarijiet ghall-ammont ta' €161, 435.50.

---

[94] Fol.247

Jonathan Scerri in rapprezentanza tal-Water Services Corporation ikkonferma li s-servizzi li kienu nghataw lis-socjeta' Uman Group Ltd. Kienu jvarjaw bejn garr u handling ta' waste u kiri ta' skid steer loader u fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru, 2018, ikkonferma li l-ammont li kellu jinghata lis-socjeta' kienu jammontaw ghal €505,607.90.

L-attrici qed tippretendi li tiehu nofs ta' dawn l-ammonti li flimkien iwasslu ghat-total ta' €807,822.

Il-konvenut jinsisti fix-xhieda tieghu li minn dawn l-ammonti (anzi il-konvenut ikkalkola li kien hemm circa €700,000) circa €360,000 minnhom kienu marru lejn il-Bank biex jigi saldat id-dejn. L-attrici tinnega dan u tghid li l-konvenut zamm dan l-introjtu kollha ghalih. Il-konvenut izid ighid li r-rimanenti bilanc li kellu ntuzaw ghall-ispejjes li ghandu ta' fuel, tyres u impjegati u jirribatti dak allegat mill-attrici billi jghid li appositament fis-sottomissjonijiet taghha pprezentat biss l-ammonti sostanzjali tat-tenders u kuntratti li nghataw lis-socjeta' Uman Group Ltd u njorat ghal kollox li taghmel referenza ghall-kontijiet awditjati tas-socjeta' kif ukoll ghall-ispejjes li nkorriet biex wettqet dak ix-xoghol.

Il-Qorti tinnota li l-attrici ghamlet referenza pero' ghad-diversi spejjes li ghamel referenza ghalihom il-konvenut u tghid li in kwantu jirrigwarda l-ispejjes relatati mat-trakkijiet u ghalkemm obbliga ruhu li jipprezentahom m'ghamel xejn minn dan u kulma pprezenta kien dokument dwar it-tip ta' tyres mixtrija minghand "Tyre Store Ltd."

Oltre minn hekk ipproduciet diversi impjegati sabiex jixhdu dwar l-introjtu taghhom mas-socjeta' Uman Group Ltd. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus xehed li bejn is-snin 2013 u 2018, is-socjeta' kienet thaddem tmien impjegati u minn dawn tnejn gew itterminati waqt il-perjodu ta' probation. Minn

hawn jista' jigi stabbilit li l-impjegati jithallsu bil-€5 is-siegha u skond ir-ragunament tal-attrici d-diversi impjegati lkoll ikkonfermaw li l-paga taghhom hija minima.

Madankollu, minn dawn l-impjegati li xehdu, jirrizulta ukoll li uhud jahdmu part-time, uhud kienu jahdmu skond l-ezigenza tax-xoghol.

Tony Xuereb, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. fid-Dipartiment tar-Recoveries kien involut sew mal-partijiet u ghan-nom tas-socjeta' Uman Group Ltd. Fil-proceduri sabiex jigi saldat id-dejn. Xehed li l-konvenut dejjem kien dispost li jigu llikwidati l-cash u l-insurances li kienu qed jaghmlu tajjeb. L-attrici dejjem kienet tinsisti li trid tiehu parir minghand l-avukat taghha u qatt ma tat risposta. Il-konvenut jammetti li kien hemm hafna pressjoni mill-bank li jekk ma jithallasx id-dejn kien hemm ir-riskju li ttiehed id-dar matrimonjali u l-konvenut ried jissalvagwardja dan fl-interessi ta' uliedu biex ikollhom darhom.

Effettivament, il-verzjoni tal-konvenut sa certu punt hija korroborrata minn Tony Xuereb li jikkonferma li dan is-self kien garantit "***b'ipoteki u parti ohra bi flus jew titolu ta' kreditu."*** L-ewwel flus li ttiehdu sabiex jithallas id-dejn kien minn kont fixed deposit li mmatura, imbaghad dan gie segwit mill-poloz li mmaturaw kif spjegat iktar 'l fuq u dan kien ghall-habta ta' Lulju, 2019. Imbaghad fis-sena 2020, kien sar depozitu fil-kont u sallum ma fadal ebda dejn u dan gie kkonfermat ukoll minn Joanna Bartolo, meta xehdet fuq il-kontijiet u loans/overdrafts appartenenti lis-socjeta' Uman Group Ltd.

Inoltre, il-konvenut jammetti ukoll li wara li l-attrici harget mandat ta' sekwestru fuqu u fuq is-socjeta' Uman Group Ltd. Ir-riskji zdiedu peress li ma setax ihallas id-dejn ghaliex kull flejjes li kien ser idahhal ghan-nom tal-kumpanija kienu ser jispiccaw iddepositati l-Qorti. Ghalhekk kien qed jithallas b'cekkijiet u kien

jiffirma wara biex ikollu sabiex ihallas il-bank. Isostni li ghamel dan sabiex jissalvagwardja l-proprjeta' tieghu u l-istess kumpanija. Huwa car li b'hekk evada l-mandat ta' sekwestru, pero' in ogni caso dina l-Qorti temmen il-verzjoni tal-konvenut li ghamel dan sabiex isalva l-assi l-ohra tieghu. Izda certament mhux minnu li ammont sostanzjali li rceviet is-socjeta' Uman Group Ltd. Minn tenders u kuntratti marru lejn id-dejn li kien hemm, kif ser jigi indikat hawn taht.

Ghalhekk jibqa' biex jigi kkalkolat dak li huwa dovut lill-attrici, imma qabel xejn dina l-Qorti trid tippuntwalizza ukoll li kien hemm cedola li ggib in-numru 18/19 fl-ammont ta' €85, 604.59 li huwa hlas lejn is-socjeta' Uman Group Ltd li hija ddepositata l-Qorti u ghadha hemm.

Il-konvenut jinsisti li ghandha tircievi biss sehemha mill-poloz u d-depoziti li ghamlu tajjeb ghad-dejn ta' Uman Group Ltd u dan meta l-ammonti l-ohra saru tul il-mori tal-kawza bix-xoghol li wettaq il-konvenut kif spjegat iktar 'l fuq.

Il-Qorti tikkonferma li dawn il-poloz u depoziti huma s-segwenti:-

i) Term deposit li sat-3 ta' April, 2020 ammonta ghal €34, 254.09 u thallas fil-kontijiet tad-dejn tas-socjeta'
ii) Term deposit ta' €25, 000
iii) Polza ta' assikurazzjoni MSV 2010 Single Premium Policy FP 469689 li kellha surrender value ta' €26, 039.71 li thallas fit-23 ta' Lulju, 2019
iv) Polza ta' assikurazzjoni MSV 2010 Single Premium Policy FP 469433 li kellha surrender value ta' €131, 674.23 li thallas fit-23 ta' Lulju, 2019
v) Polza ta' assikurazzjoni MSV FP 485960 b'surrender value ta' €5549.75 li thallas fit-23 ta' Lulju, 2019.

Bhala total dan jammonta ghal €230,307.78 u ghalhekk skond il-konvenut sehem l-attrici huwa ta' €115,153.89 u dan minhabba li kien hemm adulterju kommess da parti taghha.

Il-Qorti tfakkar lill-konvenut li kkommetta adulterju huwa ukoll u ma jistax ghal kull haga ta' xejn jakkuza lill-attrici li kkagunat is-separazzjoni, ghax kif diga' ppronunzjat ruhha dina l-Qorti t-tnejn li huma kkontribwew ghal dina s-separazzjoni. Semmai kien il-konvenut li kkommetta l-adulterju l-ewwel ghaliex meta telaq mid-dar kien baqa' jiffrekwenta d-dar matrimonjali u kien jiekol mal-familja u anke l-attrici baqghet issajjarlu u anke tahsillu l-hwejjeg u sahansitra kienet anke haditu counselling.

Tenut kont ta' dan il-Qorti ezaminat b'mod akkurat dan id-dejn li sas-sena 2016 kien jammonta ghal €363,047.18[95] Minhabba l-fatt li l-attrici kienet qed tkun difficli huwa ben ovju li l-interessi bdew jakkumulaw u l-ammont baqa' jizdied. Pero' ghab-bazi ta' dak li ghandha quddiemha l-Qorti jfisser li biex thallas id-dejn mill-investimenti u depoziti kien hemm €230,307.78, imbaghad kien ghad fadal bilanc ta' (€363,047.18 - €230,307.78 = €132,739.4l) li certament ifisser li dawn thallsu mill-konvenut mill-fondi ta' Uman Group Ltd., imma certament mhumiex it-€300,000 li semma l-konvenut.

Jibqa' ukoll il-fatt li l-attrici ghandha sehemha fis-socjeta' Uman Group Ltd izda donnu l-attrici disposta li tghaddi sehemha lill-konvenut. Ma sarux valutazzjonijiet tal-istess socjeta' izda tibqa' intitolata ghall-flus li qalghet is-socjeta' mis-servizzi li toffri. Ghaldaqstant, ikun gust li gialadarba s-socjeta' ser tigi assenjata lill-konvenut, l-attrici tircievi s-somma ta' €200,000, oltre s-somma ta' €115,153.89 ghas-saldu ta' sehemha mill-investimenti, depositi u flus li rceviet is-socjeta' Uman Group Ltd. L-istess

[95] Dok. TX 31

Qorti taqbel ma' dak propost mill-konvenut li dan l-ammont ghandu jithallas billi l-attrici tigi assenjata l-flus li hemm iddepositati l-Qorti cedola numru 18/19 fl-ammont ta' €89,604.59 u r-rimanenti bilanc ta' €225,549.30 jithallas lill-attrici mill-konvenut.

**Ally Cabs Limited**

L-attrici qed tinsisti li l-konvenut holoq il-kumpanija Ally Cabs Limited bhala prestanome ghas-socjeta' Uman Group Ltd. Dina s-socjeta' twaqqfet fis-27 ta' Mejju, 2016 fuq isem is-siehba tal-konvenut, meta dina mhix midhla ta' dan ix-xoghol. Fil-fatt hadmet bhala waitress u llum tahdem ukoll bhala child carer l-Universita'. L-attrici tghid li l-kont infetah b'€25,000 minn cekk mahrug mis-socjeta' Uman Group Ltd. Mix-xhieda moghtija minn Joanna Borg in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li kienu gew trasferiti dawn il-flus minn MPM Capital Investment, provditur ta' investimenti f'Malta. Ciononostante, mhux eskluz li dawn l-investimenti jappartjenu lill-konvenut, pero' MPM Capital ma tressqitx bhala xhud biex ticcara l-posizzjoni.

Effettivament dina l-kumpanija taghmel l-istess generu ta' xoghol bhalma taghmel is-socjeta' Uman Group Ltd.

L-attrici pprezentat provi li juru li Allycabs Ltd. Kienet tqabbad diversi xoghol lis-socjeta' Uman Group Ltd. U saru diversi pagamenti f'dan is-sens.[96]

Ghalhekk l-attrici qed tinsisti li tithallas sehemha minn dawn il-pagamenti li saru mis-socjeta' AllyCabs Ltd lis-socjeta' Uman Group Ltd u dan meta zzewwgu fit-12 ta' Awissu, 2000 u xoljew il-komunjoni fit-2 ta' Ottubru, 2018.

[96] Doks. AC 2 sa AC 7

Il-pagamenti li fuqhom ipproduciet provi l-attrici jindikaw li dawn saru lis-socjeta' Uman Group Ltd. bejn l-1 ta' Jannar, 2017 u l-1 ta' Ottubru, 2018, fiz-zmien li kien hemm ukoll problemi mal-Bank of Valletta plc u sahansitra kien hemm in vigore l-mandat ta' sekwestru.

Il-konvenut jirribati l-pretensjonji tal-attrici f'dan ir-rigward li tiehu sehemha mill-introjtu tas-socjeta' u oltre dan peress li s-socjeta' twaqqfet ferm wara li l-attrici kkommettiet l-adulterju. Dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq dan il-fatt u siccome diga' ppronunzjat ruhha fuq il-fondi tas-socjeta' Uman Group Ltd u x'sehem ghandha minnhom l-attrici, mhix ser tiddeciedi ulterjorment f'dan ir-rigward.

**<u>Vetturi/Ingenji</u>**

**<u>Vetturi Parafernali</u>**

Mix-xhieda prodotta mill-konvenut jirrizulta li l-vettura Volkswagen Bora bin-numru ta' registrazzjoni BTD 110 kien xtraha missier il-konvenut u dan kien qabel iz-zwieg u ghalhekk jirrizulta li l-istess vettura hija parafernali. Dina hija l-istess vettura li l-konvenut ha minghand l-attrici u li kienet tuza biex twassal lit-tfal.

Ghalhekk fuq dina l-vettura m'ghandux ikun hemm pretensjoni mill-attrici.

Gie kkonfermat ukoll minn missier il-konvenut li qabel mal-partijiet izzewwgu kien xtralu trakk sabiex apparti li jahdem fil-barriera tal-familja, seta' ukoll jahdem ghar-rasu. Dan it-trakk igib in-numru ta' registrazzjoni BAA 638. Din hija parafernali ukoll u ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici ma treggix.

Dwar il-vetturi Coles 15T bin-numru ta' registrazzjoni BAR 352 dan gie ggaraxxjat. L-istess, vettura Leyland bin-numru ta' registrazzjoni ABO 357 giet ukoll iggaraxxjata.

Dwar il-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni BAA 638, JBS 217, IBT 964 u JBS 216 ghandu jinghad li dawn gew ittrasferiti fuq JM , missier il-konvenut. Dan huwa kkonfermat minn Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta. Mhuwiex ikkontestat li dawn il-vetturi kienu jappartjenu lil Uman Group Ltd. U eventwalment gew trasferiti fuq isem missier il-konvenut bi hlas tad-dejn li l-kumpanija kellha mieghu u li kien dovut skond il-kostituzzjoni ta' debitu tal-10 ta' Lulju, 2015 fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja.[97] Kemm Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc kif ukoll Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC jikkonfermaw li kien inhareg cekk minn Ustin Holdings (li tappartjeni lil missier il-konvenut) ta' €50, 000 lil Uman Group Ltd mill-HSBC u gie trasferit ghall-kont fil-Bank of Valletta plc.

Billi Uman Group Ltd twaqqfet fiz-zwieg, hija tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u l-attrici ghandha nofs is-sehem tal-istess socjeta'. Huwa minnu li dejjem mexxa l-istess socjeta' l-konvenut, izda ciononostante, l-attrici ghandha d-drittijiet taghha. L-attrici tinsisti li minkejja li sar dan it-trasferiment, dawn l-istess vetturi ghadhom qed jigu uzati mill-konvenut u dan kollu qed isir bhala ingann fuqha. Bir-rispett kollu, pero' mhix kompetenza ta' dina l-Qorti biex tiddetermina jekk sarx ingann jew le, izda l-kompitu taghha huwa li taghraf x'inhi l-konsistenza tal-komunjoni, ixxoljiha, tillikwidaha u tassenjaha.

[97] Dok. KD1 fejn is-self sar minn Ustin Holdings.

Il-kumpanija Ustin Group Ltd certament tappartjeni lill-komunjoni, izda l-assi tal-istess kumpanija jappartjenu lil istess socjeta' bhala entita' guridika separata u distinta. Ghalhekk jekk verament l-attrici thoss li sar frodi fil-konfront taghha ghandha rimedji ohra fil-ligi li jippermettulha li tagixxi ghad-drittijiet taghha.

Ghalhekk dina l-Qorti ser tirrespingi t-talbiet taghha biex tiehu nofs il-valur tal-vetturi in kwistjoni.

Il-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni IBZ 451 giet trasferita fis-7 ta' Lulju, 2017 lil Naomi Mifsud u ghaldaqstant l-attrici ghandha dritt ghal sehemha tal-istess vettura li tammonta ghal €2,500.

Tibqa' l-vettura vann Isuzu EBI 457 li nxtrat fiz-zwieg u minkejja li l-konvenut ighid li xtraha bil-hidma tieghu, jibqa' l-fatt li tappartjeni lill-komunjoni u jispetta lill-attrici s-sehem taghha li jammonta ghal €5,825.

**Id-dghajsa Francesca II**

Dwar id-dghajsa, il-konvenut jghid li kien xtraha ghall-valur ta' Lm6,000 u kien hallasha mill-ewwel u damet ghandhom sas-sena 2012 meta bieghha lil  DM  peress li l-attrici ma kinitx tmur izjed fuqha. Kien bieghha ghall-prezz ta' €7,000 u kellu jhallas bi tlett pagamenti €2,000 fit-28 ta' Lulju, 2017, €1,500 fil-15 ta' Settembru, 2012, €3,500 fit-28 ta' Ottubru. 2012, izda Micallef kien ghamel biss l-ewwel pagament. Kienu spiccaw il-Qorti u d-dghajsa kienet baqghet fuq ismu. Sar jaf ukoll li dan M kien biegh id-dghajsa u offra li jhallas bil-kambjali ta' €200 fix-xahar, izda l-attrici ma riditx peress li skond hi  M  kellu jaghtihom €7,000 u mhux €5,000.

Il-konvenut jikkonferma pero' li hu u l-attrici kienu talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid kontra x-xerrej DM ghall-bilanc ta' €5,000, izda peress li rrizulta li M kellu dejn iehor, ma kienx jaqblilhom jidhlu fi spejjes ta' kawza.

Il-verzjoni tal-konvenut tirrizulta iktar kredibbli minn dik tal-attrici li tinsisti li d-dghajsa ghadha taghhom u ghalhekk ghandha tiehu sehemha mill-prezz tal-bejgh u cioe' l-ammont ta' €3,500. Dan peress li l-konvenut baqa' jhallas il-mizati u fit-8 ta' Frar, 2017 hallas il-penalitajiet li kien hemm u ried jikkancella r-registrazzjoni, izda l-attrici baqghet tirrifjuta li tiffirma u ghalhekk il-kancellament ma setax isir, bir-rizultat li hemm mizati dovuti.

Konsiderando li mill-assjem tal-provi, fejn tinstab dina d-dghajsa huwa misteru ghaliex il-konvenut jammetti li ma jafx x'gara minnha, filwaqt ir-rapprezentant ta' Transport Malta kkonferma li dina d-dghajsa m' ghadhiex registrata u lanqas fuq sid iehor.

Daniel Briffa in rapprezentanza tad-Departement of Fisheries and Acquaculture kkonferma li dina d-dghajsa tinstab irregistrata fuq J M u hija non-operational minhabba li hemm diversi kontijiet pendenti li ma thallsux.

Tenut kont ta' dawn il-fatti, ma treggix il-pretensjoni tal-attrici.

**<u>Id-Dar Konjugali</u>**

Id-dar konjugali u cioe' dar 17, Niagara Falls, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq indubbjament hija proprjeta' parafernali ghall-konvenut. Dina d-dar inghatat b'donazzjoni lill-konvenut mill-genituri tieghu b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel John Bugeja.

L-attrici qed tippretendi sehemha mill-benefikati li saru fil-fond qabel iz-zwieg. B'nota datata it-18 ta' Gunju, 2020 elenkat dawn il-benefikati li jammontaw ghall-valur ta' €50,000. Ghall-konvenut l-attrici ma ppruvatx minn fejn gabu dawn il-flus. Missier il-konvenut jikkonferma li hu u martu hallsu ghal hafna mix-xogholijiet u missier l-attrici ukoll kien xtara xi kamra tas-sodda u kien ksielhom is-soqfa. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq dan. Ghalhekk jidher li kien hemm hafna ghajnuna mill-genituri li hargu l-maggor parti tal-ispejjes. Li kien ghad fadlilhom jixtru kien l-ghamara u ghalhekk jirrizulta li m'hemmx lok ghall-hlas tal-benefikati.

**<u>Dritt ta' Abitazzjoni</u>**

L-attrici ilha tghix fil-fond matrimonjali flimkien ma' uliedhom sa mis-sena 2014, meta l-konvenut kien abbanduna lill-familja tieghu. L-attrici ssostni li peress li dejjem baqghet id-dar biex tiehu hsieb il-familja u li qatt ma hadmet m'ghandhiex il-mezzi sabiex tixtri post u ghalhekk titlob li tinghata d-dritt ta' abitazzjoni tal-fond dar matrimonjali. Inoltre tinsisti li ma kienx tort taghha li waslu ghas-separazzjoni.

Il-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq il-htija tal-partijiet u m'attribwitx il-htija lil wiehed jew li iehor mill-partijiet, izda zammithom it-tnejn responsabbli minhabba diversi estremi.

Madanakollu, il-Qorti tapprezza li sallum it-tfal dejjem trabbew go dina d-dar u ser ikun difficli ghall-attrici sabiex issib post iehor fejn tghix iktar u iktar ghax qatt ma hadmet u ghalhekk m'ghandhiex opportunita' li tiehu loan jew li thallas kera.

Il-Qorti dejjem ghandha l-interessi tal-minuri fuq quddiem u ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi li diga' ghaddew minn dispjacir kbir bis-separazzjoni tal-genituri taghhom, ghandhom jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali, flimkien mal-attrici u dan sakemm it-tfal jilhqu l-istat taghhom.

L-attrici pero' ghandha tobbliga ruhha li zzomm u tmanti l-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

**<u>Divorzju</u>**

Saret talba sabiex dawn il-proceduri jitbiddlu f'proceduri ta' divorzju u kien hemm qbil bejn il-partijiet.

L-artikolu 66 A jirrikjedi li ghaddew hames snin mid-data tas-separazzjoni li tirrizulta peress li mis-sena 2014, il-partijiet ilhom isseparati de facto. Ghalhekk jirrizulta li m'hemmx cans ta' rikonciljazzjoni u oltre minn hemm ma jirrizultax li kien hemm xi problem rigward hlasijiet ta' manteniment.

Ghaldaqstant, gew soddisfatti r-rekwiziti kollha sabiex dina l-Qorti tikkonverti t-talba ta' separazzjoni ghal wahda ta' divorzju.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u dan stante li l-htija hija reciproka minhabba sevizzi, eccessi, inkompatibilta' ta' karattru, kif ukoll adulterju u abbandun.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tafda l-minuri A fil-kura u kustodja esklussiva tal-attrici b'dana li l-konvenut ghandu jezercita l-access skond id-digriet tal-21 ta' Frar, 2017 kif fuq imfisser.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif fuq imfisser fis-sottotitolu "Manteniment,"
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici.
6. Tastjeni milli tiehi konjizzjoni ta' dina s-sitt talba stante li kien hemm sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2018 li ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.
7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti skond kif imfisser iktar 'l fuq.

**Kontro-Talba**

Kwantu ghall-kontro-talba tal-konvenut:

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba stante li l-konvenut stess irrenda ruhu hati ukoll ta' eccessi, sevizzi, inkompatibbilta' ta' karattru, kif ukoll minhabba adulterju u abbandun.
2. Tichad it-tieni kontro-talba.
3. Tichad it-tielet kontro-talba in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li tordna l-access skond id-digriet
4. Tichad ir-raba' kontro-talba.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba.
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba.
7. Tilqa' s-seba' kontro-talba in kwantu x-xoljiment gia' sar u ghalhekk tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tassenja l-istess skond kif fuq imfisser.
8. Tilqa' t-tmien kontro-talba sa fejn applikabbli u stante dak li gie deciz iktar 'l fuq.
9. Tichad id-disa' kontro-talba stante dak li gie deciz iktar 'l fuq.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**